(7) ***Bl-għan li*** jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li***, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun permess li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda. Meta, fi Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda***.	(7) ***Sabiex*** jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li ***jitneħħa l-obbligu tal-EMS***.
[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334,	[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334,

17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

Or. en

Emenda 76
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun permess li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda. Meta, fi Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda.	(7) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun permess li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda. Meta, fi Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda***, dment li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tibqa' tiġi pprovduta b'mod separat għal kull installazzjoni. L-informazzjoni fil-livell tal-installazzjoni tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-prestazzjoni ambjentali tal-installazzjonijiet u tagħmel possibbli t-tħejjija tad-Dokumenti ta' Referenza tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (BREFs), li l-permessi tal-installazzjonijiet huma bbażati fuqhom.***

[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

Or. en

Emenda 77
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun permess li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda. Meta, fi Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda.	(7) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun permess li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda. Meta, fi Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. ***Il-possibbiltà li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda jenħtieġ li ma taffettwa l-ebda obbligu li tiġi pprovduta jew irrapportata informazzjoni***

dwar il-prestazzjoni ambjentali fil-livell tal-installazzjoni.

[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

Or. en

Emenda 78
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun permess li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda. Meta, fi Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda.	(7) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u għall-kumpaniji, u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tħejjija tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS", Environmental Management System) skont l-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] filwaqt li jinżammu standards ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun permess li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda. Meta, fi Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. ***Il-possibbiltà li diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda jenħtieġ li ma taffettwa l-ebda obbligu li tiġi***

	pprovduta jew irrapportata informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali fil-livell tal-installazzjoni.
[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).	[14] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).
	Or. en

Emenda 79
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Ir-rekwiżit li s-sistema ta' ġestjoni ambjentali tkun allinjata mal-konklużjonijiet tal-BAT ma jimponi l-ebda obbligu sostantiv lil hinn minn dawk diġà vinkolanti fuq l-operaturi skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2010/75/UE, li skontu l-valuri limitu tal-emissjonijiet jiġu stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet tal-BAT. Bl-istess mod, il-ħtieġa li l-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-EMS iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT tintroduċi mill-ġdid b'mod effettiv approċċ speċifiku għall-installazzjoni inkonsistenti mal-iskop tal-EMS bħala għodda ta' ġestjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dawk ir-referenzi jitħassru mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-operaturi jikkonformaw mal-konklużjonijiet tal-BAT permezz tal-kundizzjonijiet għal permess stabbiliti mill-awtorità kompetenti.
	Or. en

Emenda 80
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Nixfiet aktar intensi, aktar frekwenti u fit-tul, għargħar aktar estrem, xita staġjonali aktar erratika jew tnaqqis fil-livelli tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu jpoġġu f'riskju l-operat bil-kapaċità attwali tal-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li jwassal ukoll għal theddida sostanzjali għall-valur korporattiv minħabba l-aggravar tal-insigurtà tal-ilma. Huwa meħtieġ li jiġi implimentat approċċ strutturat għall-identifikazzjoni u għall-ġestjoni tar-riskji ambjentali l-ġodda li jiġu identifikati, inkluż riskju ta' assi mhux rekuperabbli minħabba d-disponibbiltà tal-ilma. Fil-livell tal-kumpanija jew tal-installazzjoni, l-EMS jenħtieġ li tinkludi l-miżuri meħuda biex jiġu evitati riskji tal-ilma li jwasslu għal assi mhux rekuperabbli fil-futur, fost l-oħrajn permezz ta' amministrazzjoni kooperattiva tal-ilma u ta' miżuri ta' restawr li jwasslu għal benefiċċji volumetriċi tal-ilma.

Or. en

Emenda 81
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Minkejja l-possibbiltà mogħtija lill-operaturi u lill-kumpaniji li jkopru l-

installazzjonijiet tagħhom fi Stat Membru permezz ta' EMS waħda, l-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-EMS jenħtieġ li jkomplu jqisu l-parametri referenzjarji tal-BAT speċifiċi għall-installazzjoni bħala referenzi utli. Dan ma jipprevjenix lill-operaturi u lill-kumpaniji milli jużaw dawk il-parametri referenzjarji tal-BAT speċifiċi għall-installazzjoni biex jistabbilixxu objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fil-livell tal-operaturi jew tal-kumpaniji.

Or. en

Emenda 82
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Il-kundizzjonijiet għal permess relatati mal-EMS jenħtieġ li jirriflettu r-realtà operazzjonali ta' kull installazzjoni. Meta operatur ikun għadu ma implimentax EMS fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-permess, il-permess jenħtieġ li jispeċifika skeda ta' żmien vinkolanti għall-kisba tal-konformità. Meta operatur ikun diġà rreġistrat fl-EMAS jew iċċertifikat skont l-ISO 14001 fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-permess, il-permess għandu jirrikonoxxi dik il-konformità u hekk jevita l-impożizzjoni ta' rekwiżiti duplikati.

Or. en

Emenda 83
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar mal-iskemi eżistenti tal-EMS bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS, Eco-Management and Audit Scheme) jew l-ISO 14001, li jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-faċilità jew tal-kumpanija, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu jaġġustaw il-livell organizzazzjonali tal-EMS skont in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjonijiet tagħhom (il-livell tal-installazzjoni, tal-faċilità jew tal-kumpanija).	***imħassar***

Or. en

Emenda 84
Martin Günther

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar mal-iskemi eżistenti tal-EMS bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS, Eco-Management and Audit Scheme) ***jew l-ISO 14001***, li jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-faċilità jew tal-kumpanija, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu jaġġustaw il-livell organizzazzjonali tal-EMS skont in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjonijiet tagħhom (il-livell tal-installazzjoni, tal-faċilità jew tal-kumpanija).	(8) Sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar mal-iskemi eżistenti tal-EMS bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS, Eco-Management and Audit Scheme), li jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-faċilità jew tal-kumpanija, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu jaġġustaw il-livell organizzazzjonali tal-EMS skont in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjonijiet tagħhom (il-livell tal-installazzjoni, tal-faċilità jew tal-kumpanija). ***Il-konformità mal-EMAS jenħtieġ li titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE, minħabba li l-obbligi sostantivi imposti minn dak l-Artikolu diġà huma koperti minn dawk l-istandards jew minn leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, u b'hekk jiġu evitati rekwiżiti duplikati għall-operaturi li diġà***

huma soġġetti għal obbligi ekwivalenti ta' ġestjoni ambjentali. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-operaturi tal-installazzjonijiet jew tal-faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart iċċertifikati skont skemi ta' ġestjoni ambjentali nazzjonali ekwivalenti, dment li dawk l-iskemi jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'din id-Direttiva, jitqiesu wkoll li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EMAS hija għażla aktar b'saħħitha mill-ISO 14001: Filwaqt li l-EMAS tinkorpora r-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tal-ISO 14001, tirrikjedi wkoll li tintwera l-konformità legali, li jkun hemm titjib kontinwu fil-prestazzjoni ambjentali reali, l-involviment tal-impjegati u l-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni ambjentali vvalidata b'mod indipendenti.

Emenda 85
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar mal-iskemi eżistenti tal-EMS bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS, Eco-Management and Audit Scheme) jew l-ISO 14001, li jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-faċilità jew tal-kumpanija, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu jaġġustaw il-livell organizzazzjonali tal-EMS skont in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjonijiet tagħhom (il-livell tal-installazzjoni, tal-faċilità jew tal-kumpanija).	(8) Sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar mal-iskemi eżistenti tal-EMS bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS, Eco-Management and Audit Scheme) jew l-ISO 14001, li jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-faċilità jew tal-kumpanija, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu jaġġustaw il-livell organizzazzjonali tal-EMS skont in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjonijiet tagħhom (il-livell tal-installazzjoni, tal-faċilità jew tal-kumpanija). ***Il-konformità mal-EMAS jew mal-ISO 14001 jenħtieġ li titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE, minħabba li l-obbligi sostantivi imposti minn dak l-Artikolu diġà huma koperti minn dawk l-***

istandards jew minn leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, u b'hekk jiġu evitati rekwiżiti duplikati għall-operaturi li diġà huma soġġetti għal obbligi ekwivalenti ta' ġestjoni ambjentali.

Or. en

Emenda 86
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Meta operatur ikun irreġistrat skont l-EMAS jew iċċertifikat skont l-ISO 14001, tali reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni tista' titqies għall-finijiet tal-wiri tal-konformità mal-Artikolu 14a, dment li l-ambitu tagħha jkopri l-installazzjoni kkonċernata u l-aspetti ambjentali rilevanti kollha meħtieġa skont dak l-Artikolu, inkluża l-konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, il-kundizzjonijiet tal-permess, id-data dwar il-prestazzjoni ambjentali speċifika għall-installazzjoni, għall-objettivi u għall-indikaturi. Meta l-EMAS jew l-ISO 14001 ma jipprovdux livell ekwivalenti ta' informazzjoni speċifika għall-installazzjoni, l-operatur jenħtieġ li jipprovdi l-informazzjoni supplimentari meħtieġa biex jiżgura l-konformità shiha mal-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2010/75/UE.

Or. en

Emenda 87
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi perikoluż preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li jitħassru valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għal, fejn rilevanti, rekwiżit simili għal inventarju kimiku stabbilit skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 88
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi perikoluż preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li jitħassru valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr	***imħassar***

preġudizzju għal, fejn rilevanti, rekwiżit simili għal inventarju kimiku stabbilit skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 89
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi perikoluż preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li jitħassru valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għal, fejn rilevanti, rekwiżit simili għal inventarju kimiku stabbilit skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 90
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż***	(9) ***Is-sistema u l-inventarju tal-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi previsti fid-***

amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi ***perikoluży preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li jitħassru valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem*** u ***fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għal, fejn rilevanti,*** rekwiżit ***simili għal inventarju kimiku stabbilit skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni***.

Direttiva 2010/75/UE jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni REACH u dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali (OHS) u jimlew lakuna fl-informazzjoni dwar l-użu, il-ġestjoni u r-rilaxx ta' sustanzi kimiċi***, bħas-sustanzi per- u polifluworoalkilati***. ***Is-sistema u l-inventarju tal-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi jgħinu fl-iżvilupp tal-BREFs, iwessgħu l-użu ta' prattiki ta' ġestjoni tas-sustanzi kimiċi sikuri u fl-aħħar mill-aħħar jilħqu l-objettiv ta' tniġġis żero. L-inventarju jgħin biex jipproteġi s-saħħa tal-ħaddiema*** u ***tal-komunitajiet ġirien. Ir-rekwiżit previst fid-Direttiva 2010/75/UE jarmonizza wkoll il-prattiki eżistenti fl-Istati Membri u fl-industriji, u joħloq kundizzjonijiet ekwi bejn l-industriji li sa issa kienu soġġetti għal tali*** rekwiżit ***u l-oħrajn. Ir-rekwiżit jipprovdi flessibbiltà lill-industriji fir-rigward tal-għodod li jistgħu jintużaw għall-implimentazzjoni u ma jpoġġix piż partikolari fuq l-industriji peress li għandhom l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta***. ***Għalhekk, ir-rekwiżit jenħtieġ li ma jitwaqqafx.***

Or. en

Emenda 91
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi perikoluży preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li jitħassru valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali	(9) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi perikoluży preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li jitħassru valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali

sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għal, fejn rilevanti, rekwiżit simili għal inventarju kimiku ***stabbilit*** skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għal, fejn rilevanti, rekwiżit simili għal inventarju kimiku***, valutazzjonijiet tar-riskju u rekwiżiti ta' sostituzzjoni stabbiliti skont il-Konklużjoni dwar il-BAT speċifika għas-settur adottata skont id-Direttiva 2010/75/UE jew*** skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nixtiequ niżguraw li r-rekwiżiti tas-sustanzi kimiċi jkunu jistgħu jiġu stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT speċifiċi għas-settur anke fil-futur. Din ilha l-prattika stabbilita mill-2022 u sa issa, ġew stabbiliti tali rekwiżiti f'ħames konklużjonijiet tal-BAT speċifiċi għas-settur.

Emenda 92
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi perikoluż preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li ***jitħassru*** valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għal, fejn rilevanti, rekwiżit	(9) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex jiżviluppaw, bħala parti mill-EMS tal-installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi perikoluż preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha; jenħtieġ li ***jiġu limitati fl-ambitu*** valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għal, fejn rilevanti,

simili għal inventarju kimiku stabbilit skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	rekwiżit simili għal inventarju kimiku stabbilit skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni ġiet introdotta fl-2024 u wara dak kollu li għaddejna minnu, inkluża l-valutazzjoni tal-EPRS, it-tħassir propost mill-Kummissjoni mhuwiex ġustifikat.

Emenda 93
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2025, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fl-Artikolu 14a(2) ta' dik id-Direttiva titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess għall-utenti rreġistrati; b'konsistenza mad-drittijiet tal-pubbliku li jaċċessa l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, jew għalihom, kemm fuq talba kif ukoll permezz ta' tixrid attiv.	***imħassar***

Or. en

Emenda 94
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2025, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fl-Artikolu 14a(2) ta' dik id-Direttiva titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess għall-utenti rreġistrati; b'konsistenza mad-drittijiet tal-pubbliku li jaċċessa l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, jew għalihom, kemm fuq talba kif ukoll permezz ta' tixrid attiv.	***imħassar***

Or. en

Emenda 95
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jenħtieġ li jitħassar ir-	***imħassar***

rekwiżit fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2025, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fl-Artikolu 14a(2) ta' dik id-Direttiva titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess għall-utenti rreġistrati; b'konsistenza mad-drittijiet tal-pubbliku li jaċċessa l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, jew għalihom, kemm fuq talba kif ukoll permezz ta' tixrid attiv.

Or. en

Emenda 96
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2025, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni***, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fl-Artikolu 14a(2) ta' dik id-Direttiva titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess għall-***	(10) Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2025, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni.

utenti rreġistrati; b'konsistenza mad-drittijiet tal-pubbliku li jaċċessa l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, jew għalihom, kemm fuq talba kif ukoll permezz ta' tixrid attiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tas-setgħa li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni, fih innifsu, ma jneħħix l-obbligu ta' pubblikazzjoni sottostanti. Il-pubblikazzjoni online obbligatorja ta' informazzjoni relatata mas-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tiġġenera piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi u għall-awtoritajiet kompetenti, u tista' teħtieġ redazzjonijiet sabiex titħares l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, filwaqt li ftit li xejn tipprovdi valur miżjud ambjentali. L-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali jibqa' żgurat bis-sħiħ fl-oqfsa legali eżistenti tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

Emenda 97
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2025, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni*** rilevanti ***stabbilita fl-EMS u elenkata fl-Artikolu 14a(2) ta' dik id-Direttiva titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess għall-utenti rreġistrati; b'konsistenza mad-drittijiet tal-pubbliku li jaċċessa l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-***	(10) ***Id-Direttiva 2010/75/KE tirrikjedi li l-installazzjonijiet industrijali jippubblikaw biss informazzjoni*** rilevanti ***mill-EMS. Sabiex tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi tar-rekwiżit, huwa importanti li tiġi ċċarata t-tifsira ta' "informazzjoni rilevanti". Sabiex titħaffef u jitnaqqas il-piż tal-proċedura li twassal għall-għoti ta' tali kjarifika u biex jiżdied il-livell ta' flessibbiltà għall-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tipprovdi tali kjarifika fil-forma ta' gwida minflok fil-forma ta' att ta' implimentazzjoni***.

awtoritajiet pubbliċi, jew għalihom, kemm fuq talba kif ukoll permezz ta' tixrid attiv.

Or. en

Emenda 98
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ***jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit fuq*** il-Kummissjoni ***fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE*** li tadotta, sal-31 ta' Diċembru ***2025***, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni***, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fl-Artikolu 14a(2) ta' dik id-Direttiva titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess għall-utenti rreġistrati; b'konsistenza mad-drittijiet tal-pubbliku li jaċċessa l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, jew għalihom, kemm fuq talba kif ukoll permezz ta' tixrid attiv***.	(10) Fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ***kif previst fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE,*** il-Kummissjoni ***jenħtieġ*** li tadotta, sal-31 ta' Diċembru ***2028***, att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni li tinsab f'EMS li hija rilevanti għall-pubblikazzjoni ***sabiex tistabbilixxi format komuni għall-pubblikazzjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun tajjeb li dan il-format komuni jerġa' jiddaħħal fit-test peress li jkun ta' benefiċċju kbir għall-objettivi ta' simplifikazzjoni ta' din il-proposta. Billi jkun hemm format uniku ta' pubblikazzjoni fl-UE, jingħataw benefiċċji enormi f'termini tal-piż amministrattiv, meta mqabbel mal-istabbiliment ta' tali format fil-livell tal-Istati Membri jew mad-deċiżjoni dwar x'għandu jiġi ppubblikat fuq bażi ta' każ b'każ. Peress li l-iskadenza tal-EMS ġiet posposta, nistgħu nagħtu lill-Kummissjoni estensjoni ta' żmien simili għall-valutazzjoni tal-impatt.

Emenda 99
Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ambjentali jenħtieġ li tirrispetta l-protezzjoni ta' data sensittiva, is-sigurtà tal-faċilitajiet, u r-realtajiet speċifiċi tal-azjendi agrikoli tal-bhejjem tal-familja. It-trasparenza jenħtieġ li ma twassalx għall-esponiment pubbliku ta' informazzjoni li tista' tidentifika b'mod sproporzjonat lis-sidien, tiżvela data sensittiva dwar il-produzzjoni jew ekonomika, tikkomprommetti l-bijosigurtà tal-azjendi agrikoli jew tiġġenera inċertezza legali u pressjoni żejda fuq il-produtturi tal-ikel.

Or. es

Emenda 100
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-EMS li għandha tiġi awditjata peress li skemi oħra tal-EMS bħall-EMAS jew l-ISO 14001 diġà fihom dispożizzjonijiet dwar l-awditjar intern u estern regolari.	***imħassar***

Or. en

Emenda 101
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li ***jitħassar*** ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-EMS li għandha tiġi awditjata ***peress li skemi oħra tal-EMS bħall-EMAS jew l-ISO 14001*** diġà ***fihom*** dispożizzjonijiet ***dwar l-awditjar*** intern u estern regolari.	(11) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li ***ma japplikax*** ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-EMS li għandha tiġi awditjata ***meta l-EMS implimentata mill-operatur*** diġà ***tkun tinkludi*** dispożizzjonijiet ***għall-awditjar*** intern u estern regolari ***li jipprovdu livell ekwivalenti ta' assigurazzjoni, bħalma huwa l-każ fi skemi fosthom l-EMAS jew l-ISO 14001***. ***Meta l-EMS implimentata mill-operatur ma tinkludix tali dispożizzjonijiet dwar l-awditjar, l-operatur għandu jwettaq awditjar f'konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE, biex jiżgura li l-installazzjonijiet kollha jibbenefikaw minn livell ekwivalenti ta' skrutinju indipendenti tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tagħhom.***

Or. en

Emenda 102
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) ***Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom***, jenħtieġ li ***jitħassar*** ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-EMS li għandha tiġi awditjata ***peress li skemi oħra tal-EMS bħall-EMAS jew l-***	(11) ***Sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet ma' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-awditjar intern u estern regolari li jinsab fl-iskemi tal-EMS, bħall-EMAS jew l-ISO 14001***, jenħtieġ li ***jiġi ssimplifikat*** ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-EMS li

ISO 14001 diġà fihom dispożizzjonijiet dwar l-awditjar intern u estern regolari.	għandha tiġi awditjata ***u verifikata. Dan se jnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi li jużaw dawk l-iskemi***.

Or. en

Emenda 103
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-EMS li għandha tiġi awditjata ***peress li*** skemi oħra tal-EMS bħall-EMAS jew l-ISO 14001 diġà fihom dispożizzjonijiet dwar l-awditjar intern u estern regolari.	(11) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-EMS li għandha tiġi awditjata ***fejn tali*** skemi oħra tal-EMS bħall-EMAS jew l-ISO 14001 ***ikopru l-istess elementi peress li*** diġà fihom dispożizzjonijiet dwar l-awditjar intern u estern regolari.

Or. en

Emenda 104
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u li jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex iħejju EMS u jimplimentawha sal-2027 jiġi pospost għall-2030. Jenħtieġ li EMS bħal din titħejja f'konformità mal-Artikolu 14a rivedut.	***imħassar***

Or. en

Emenda 105
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) ***Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u li jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom***, jenħtieġ li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex iħejju EMS u jimplimentawha sal-2027 jiġi pospost ***għall-2030***. Jenħtieġ li EMS bħal din titħejja f'konformità mal-Artikolu 14a rivedut.	(12) ***Sabiex jingħata aktar żmien lill-operaturi biex jikkonformaw mal-obbligi relatati ma' EMS***, jenħtieġ li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex iħejju EMS u jimplimentawha sal-2027 jiġi pospost ***għall-2028***. Jenħtieġ li EMS bħal din titħejja f'konformità mal-Artikolu 14a rivedut ***ta' dik id-Direttiva, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li jinżamm approċċ strutturat għat-titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali, tas-sikurezza tal-installazzjoni u tal-ġestjoni tar-riskji ambjentali***.

Or. en

Emenda 106
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) ***Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u li jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom***, jenħtieġ li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) ***tad-Direttiva 2010/75/UE*** għall-operaturi sabiex iħejju EMS u jimplimentawha sal-2027 jiġi pospost għall-2030. Jenħtieġ li EMS bħal din titħejja f'konformità mal-Artikolu 14a rivedut.	(12) ***Fid-dawl tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tikkonforma mal-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2025 għall-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-informazzjoni rilevanti għall-pubblikazzjoni, u fid-dawl tal-inċertezza maħluqa mill-ftuħ mill-ġdid tad-Direttiva 2010/75/UE***, jenħtieġ li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) ***ta' dik id-Direttiva*** għall-operaturi sabiex iħejju EMS u

	jimplimentawha sal-2027 jiġi pospost għall-2030. Jenħtieġ li EMS bħal din titħejja f'konformità mal-Artikolu 14a rivedut.

Or. en

Emenda 107
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u li jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex iħejju EMS u jimplimentawha sal-2027 jiġi pospost ***għall-2030***. Jenħtieġ li EMS bħal din titħejja f'konformità mal-Artikolu 14a rivedut.	(12) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq l-operaturi u li jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, jenħtieġ li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2010/75/UE għall-operaturi sabiex iħejju EMS u jimplimentawha sal-2027 jiġi pospost ***għall-2032***. Jenħtieġ li EMS bħal din titħejja f'konformità mal-Artikolu 14a rivedut.

Or. en

Emenda 108
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 27d ta' dik id-Direttiva li l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu mill-operaturi sat-30 ta' Ġunju 2030 l-inklużjoni fl-EMS tagħhom ta' pjan ta' trasformazzjoni indikattiv. Ir-	***imħassar***

referenzi għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni u għall-Artikolu 27d li huma preżenti fl-Artikolu 14a(2), il-punt (f), u fl-Artikoli 27e u 76 tad-Direttiva 2010/75/UE jeħtieġ li jitħassru kif xieraq.

Or. en

Emenda 109
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Bl-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 27d ta' dik id-Direttiva li l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu mill-operaturi sat-30 ta' Ġunju 2030 l-inklużjoni fl-EMS tagħhom ta' pjan ta' trasformazzjoni indikattiv. Ir-referenzi għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni u għall-Artikolu 27d li huma preżenti fl-Artikolu 14a(2), il-punt (f), u fl-Artikoli 27e u 76 tad-Direttiva 2010/75/UE jeħtieġ li jitħassru kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 110
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2015/2193, ma jkunux applikabbli għal impjanti tal-kombustjoni li jaħarqu l-gass b'aktar minn ***20*** % (skont il-volum) ta' idroġenu. Għal impjanti bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħbija ġenerali tal-NOx li eventwalment jiġi rrilaxxat fl-arja fuq sena ma tiżdiedx meta mqabbla mas-sitwazzjoni li fiha l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jibqgħu konformi mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti għall-NOx għall-kombustjoni tal-gass naturali, mingħajr preġudizzju għall-miżuri aktar stretti meħtieġa skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2010/75/UE u l-Artikolu 6(9) tad-Direttiva (UE) 2015/2193. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità jiġu aġġustati kif xieraq.	2015/2193, ma jkunux applikabbli għal impjanti tal-kombustjoni li jaħarqu l-gass b'aktar minn ***5*** % (skont il-volum) ta' idroġenu. Għal impjanti bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħbija ġenerali tal-NOx li eventwalment jiġi rrilaxxat fl-arja fuq sena ma tiżdiedx meta mqabbla mas-sitwazzjoni li fiha l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jibqgħu konformi mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti għall-NOx għall-kombustjoni tal-gass naturali, mingħajr preġudizzju għall-miżuri aktar stretti meħtieġa skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2010/75/UE u l-Artikolu 6(9) tad-Direttiva (UE) 2015/2193. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità jiġu aġġustati kif xieraq.
[17] Id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji (ĠU L 313, 28.11.2015, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2193/oj).	[17] Id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji (ĠU L 313, 28.11.2015, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2193/oj).

Or. en

Emenda 135
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Ir-rekwiżit li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu l-valuri limitu l-aktar stretti li jistgħu jintlaħqu tal-emissjonijiet abbażi ta' analiżi tal-aktar tarf strett tal-medda tal-BAT-AEL joħloq piż amministrattiv sinifikanti, li jirrikjedi li l-operaturi jiġġustifikaw fuq bażi ta' kull każ għalih, għal kull BAT-AEL, jekk

jistax jintlaħaq l-aktar tarf strett tal-medda. Għalhekk, dan ir-rekwiżit jenħtieġ li jiġi rinunzjat u minflok jenħtieġ li l-valuri limitu tal-emissjonijiet jiġu stabbiliti f'livelli li jistgħu jintlaħqu teknikament u ekonomikament fil-medda shiha tal-BAT-AEL, li juru l-aħjar prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-installazzjoni.

Or. en

Emenda 136
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Ir-rekwiżit għall-awtoritajiet kompetenti li jistabbilixxu l-aktar valuri limitu tal-emissjonijiet stretti li jistgħu jinkisbu abbażi ta' analiżi tat-tarf l-aktar strett tal-BAT-AEL huwa bidla ewlenija introdotta mill-aħħar reviżjoni tad-Direttiva 2010/75/UE. Kif instab mill-valutazzjoni tal-impatt li tirfed l-aħħar reviżjoni, tali bidla se twassal għal tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, billi tipprovdi inċentiv lill-operaturi biex jinvestu f'tekniki avvanzati, filwaqt li fl-istess ħin ma tpoġġix piż sproporzjonat fuqhom.

Or. en

Emenda 137
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(18) Sabiex tiġi ssimplifikata d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali, huwa xieraq li jkun permess l-użu ta' kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil, fejn l-arja ta' kombustjoni arrikkita bl-ossiġenu tiffaċilita l-qbid tad-diossidu tal-karbonju. Aktar ma jkun għoli l-kontenut tal-ossiġenu fl-arja injettata użata għall-kombustjoni, aktar ikun baxx il-volum tal-arja meħtieġ; u, għalhekk, il-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tiżdied ***anki*** jekk il-kwantità tas-sustanzi niġġiesa (f'piż) ma tkunx ogħla milli għall-kombustjoni bl-arja. Għalhekk, l-abilitazzjoni tal-użu tal-kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil skont id-Direttiva 2010/75/UE u d-Direttiva (UE) 2015/2193 tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-flessibbiltà sabiex jivvalutaw il-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/75/UE u fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/2193.

(18) Sabiex tiġi ssimplifikata d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali, huwa xieraq li jkun permess l-użu ta' kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil, fejn l-arja ta' kombustjoni arrikkita bl-ossiġenu tiffaċilita l-qbid tad-diossidu tal-karbonju. Aktar ma jkun għoli l-kontenut tal-ossiġenu fl-arja injettata użata għall-kombustjoni, aktar ikun baxx il-volum tal-arja meħtieġ; u, għalhekk, il-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tiżdied ***anke*** jekk il-kwantità tas-sustanzi niġġiesa (f'piż) ma tkunx ogħla milli għall-kombustjoni bl-arja. Għalhekk, l-abilitazzjoni tal-użu tal-kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil skont id-Direttiva 2010/75/UE u d-Direttiva (UE) 2015/2193 tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-flessibbiltà sabiex jivvalutaw il-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/75/UE u fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/2193. ***Għal tali impjanti li jużaw il-kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-livell kumplessiv ta' sustanzi niġġiesa eventwalment rilaxxat fl-arja fuq perjodu ta' sena ma jiżdiedx meta mqabbel mas-sitwazzjoni li fiha l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jkunu baqgħu konformi mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti taħt kundizzjonijiet ta' kombustjoni bl-arja konvenzjonali.***

Or. en

Emenda 138
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiġi ssimplifikata d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali,	(18) Sabiex tiġi ssimplifikata d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali,

huwa xieraq li jkun permess l-użu ta' kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil, fejn l-arja ta' kombustjoni arrikkita bl-ossiġenu tiffaċilita l-qbid tad-diossidu tal-karbonju. Aktar ma jkun għoli l-kontenut tal-ossiġenu fl-arja injettata użata għall-kombustjoni, aktar ikun baxx il-volum tal-arja meħtieġ; u, għalhekk, il-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tiżdied ***anki*** jekk il-kwantità tas-sustanzi niġġiesa (f'piż) ma tkunx ogħla milli għall-kombustjoni bl-arja. Għalhekk, l-abilitazzjoni tal-użu tal-kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil skont id-Direttiva 2010/75/UE u d-Direttiva (UE) 2015/2193 tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-flessibbiltà sabiex jivvalutaw il-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/75/UE u fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/2193.	huwa xieraq li jkun permess l-użu ta' kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil, fejn l-arja ta' kombustjoni arrikkita bl-ossiġenu tiffaċilita l-qbid tad-diossidu tal-karbonju. Aktar ma jkun għoli l-kontenut tal-ossiġenu fl-arja injettata użata għall-kombustjoni, aktar ikun baxx il-volum tal-arja meħtieġ; u, għalhekk, il-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tiżdied ***anke*** jekk il-kwantità tas-sustanzi niġġiesa (f'piż) ma tkunx ogħla milli għall-kombustjoni bl-arja. Għalhekk, l-abilitazzjoni tal-użu tal-kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil skont id-Direttiva 2010/75/UE u d-Direttiva (UE) 2015/2193 tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-flessibbiltà sabiex jivvalutaw il-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/75/UE u fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/2193. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-emissjonijiet tal-massa għal kull unità ta' input tal-fjuwil jew output industrijali ma jaqbżux l-emissjonijiet li kienu jseħħu taħt il-kombustjoni bl-arja konvenzjonali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kombustjoni b'ossiġenu u fjuwil tappoġġja d-dekarbonizzazzjoni industrijali minħabba li tuża kombustjoni arrikkita bl-ossiġenu, li tagħmel is-CO_2 aktar faċli biex jinqabad. Madankollu, din tibdel il-karatteristiċi tal-gass mit-tromba ta' ċumnija, li jfisser li l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa jistgħu jidhru ogħla anke jekk il-massa totali tat-tniġġis rilaxxat ma tkunx ogħla. Din il-modifika tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jadattaw il-valutazzjoni tal-konformità għal din it-teknoloġija, iżda żżid salvagwardja li dan ma jridx iwassal għal żieda ġenerali fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja meta mqabbla mal-kombustjoni bl-arja konvenzjonali.

Emenda 139
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Sabiex jiġi żgurat li l-objettiv tat-tnaqqis tal-pożijiet amministrattivi jintlaħaq fil-prattika, jenħtieġ li l-Istati Membri jevitaw li jintroduċu obbligi addizzjonali ta' rapportar, reġistrazzjoni, notifika jew informazzjoni għall-operaturi ekonomiċi f'oqsma armonizzati mid-dritt tal-Unjoni. Tali rekwiżiti addizzjonali jistgħu jifframmentaw is-suq intern u jimminaw il-benefiċċji tal-kompetittività mistennija minn din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Klawżola kontra r-regolamentazzjoni żejda

Emenda 140
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Skont id-Direttiva (UE) 2015/2193, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw ċerti impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti jew ġodda li jintużaw biss kultant bħala ġeneraturi ta' riżerva matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza u qtugħ tal-elettriku u li ma joperawx għal aktar minn numru limitat ta' siegħat fis-sena, mill-konformità mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet rilevanti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, it-tali ġeneraturi ta' riżerva xorta waħda jiġu sottomessi għal kejl perjodiku fir-rigward tal-emissjonijiet ta' SO2, ta' NOx, ta' trab u ta' CO tagħhom, ***anki*** jekk dan il-kejl ma jintużax sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, il-perjodiċità ta' dan il-kejl ma tagħmilx distinzjoni bejn ġeneraturi ta' riżerva aktar reċenti, u	(19) Skont id-Direttiva (UE) 2015/2193, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw ċerti impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti jew ġodda li jintużaw biss kultant bħala ġeneraturi ta' riżerva matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza u qtugħ tal-elettriku u li ma joperawx għal aktar minn numru limitat ta' siegħat fis-sena, mill-konformità mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet rilevanti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, it-tali ġeneraturi ta' riżerva xorta waħda jiġu sottomessi għal kejl perjodiku fir-rigward tal-emissjonijiet ta' SO2, ta' NOx, ta' trab u ta' CO tagħhom, ***anke*** jekk dan il-kejl ma jintużax sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, il-perjodiċità ta' dan il-kejl ma tagħmilx distinzjoni bejn ġeneraturi ta' riżerva aktar reċenti, u

għalhekk aktar effiċjenti fl-enerġija, u dawk aktar antiki. Bl-għan li jiġi ssimplifikat u jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mir-rekwiżiti ta' rapportar kurrenti li jirriżultaw mid-Direttiva (UE) 2015/2193 fir-rigward tal-emissjonijiet ta' SO2, ta' trab ta' NOx u ta' CO minn ġeneraturi ta' riżerva riċenti b'input termiku nominali ta' 20 MW jew aktar, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu speċifiku għal numru minimu ta' sigħat operazzjonali applikabbli għall-użu tagħhom, li jekk ma jintlaħaqx, titnaqqas il-frekwenza tal-kejl perjodiku. Il-ġeneraturi ta' riżerva aktar reċenti huma dawk li jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, il-kategorija NRG fir-rigward tal-kontrolli tal-Istadju V, stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1628[18] dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq. Għal dawk il-ġeneraturi ta' riżerva, jenħtieġ li l-kejl perjodiku jsir wara li jkunu għaddew 1 500 siegħa ta' tħaddim, jew tal-anqas kull 5 snin.

[18] Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru

għalhekk aktar effiċjenti fl-enerġija, u dawk aktar antiki. Bl-għan li jiġi ssimplifikat u jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mir-rekwiżiti ta' rapportar kurrenti li jirriżultaw mid-Direttiva (UE) 2015/2193 fir-rigward tal-emissjonijiet ta' SO2, ta' trab ta' NOx u ta' CO minn ġeneraturi ta' riżerva riċenti b'input termiku nominali ta' 20 MW jew aktar, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu speċifiku għal numru minimu ta' sigħat operazzjonali applikabbli għall-użu tagħhom, li jekk ma jintlaħaqx, titnaqqas il-frekwenza tal-kejl perjodiku. Il-ġeneraturi ta' riżerva aktar reċenti huma dawk li ***jużaw sistemi avvanzati ta' tnaqqis tal-emissjonijiet inkluż għall-partikoli niġġiesa u li*** jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, il-kategorija NRG fir-rigward tal-kontrolli tal-Istadju V, stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1628[18] dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq. ***Bidla fil-każ ta' kontenut rivedut tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-grupp rilevanti ta' sustanzi niġġiesa, jew fir-rigward tal-valuri tagħhom, tapplika awtomatikament għall-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-ġeneraturi ta' riżerva l-aktar reċenti.*** Għal dawk il-ġeneraturi ta' riżerva, jenħtieġ li l-kejl perjodiku jsir wara li jkunu għaddew 1 500 siegħa ta' tħaddim, jew tal-anqas kull 5 snin.

[18] Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru

1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1628/2022-07-17	1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1628/2022-07-17

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jiġu varati sistemi avvanzati ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fil-punt tar-rimi fil-ġeneraturi ta' riżerva, kif jintużaw pereżempju għaċ-ċentri tad-data, li qegħdin ifeġġu dejjem aktar f'żoni popolati. Dan għandu jiġi kkunsidrat u d-dispożizzjoni l-ġdida għandha tippermetti s-simplifikazzjoni tal-piż amministrattiv f'każ li tali tekniki avvanzati jkunu stabbiliti. Il-proposta tal-Kummissjoni tirreferi għal-limiti ta' partikoli niġġiesa, iżda l-NRG għandhom limiti biss għall-PM, iżda mhux għall-PN (u huwa dibattibbli jekk l-ambizzjoni tal-limitu tal-emissjonijiet tal-PM tirrikjedix li jiġu implimentati tekniki avvanzati).

Emenda 141
Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat

Proposta għal direttiva
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Id-Direttiva 2000/60/KE, li tistabbilixxi qafas Komunitarju għal azzjoni fil-qasam tal-politika tal-ilma (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) tistabbilixxi Diċembru 2027 bħala skadenza biex jintlaħqu l-objettivi tagħha, bl-użu taż-żewġ estensjonijiet permessi. Bħalissa, diversi Stati Membri ma jistgħux jilħqu l-objettivi minħabba l-fatt li, matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Direttiva, l-effetti tat-tibdil fil-klima ġew aggravati f'xi reġjuni tal-UE, prinċipalment fil-baċiri tan-Nofsinhar tal-Ewropa u aggravati f'dawk qrib il-Mediterran, li jipprevjeni l-irkupru tal-istatus tajjeb tal-korpi tal-ilma sal-2027. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-Direttiva 2000/60/KE tipprevedi l-possibbiltà tat-tielet estensjoni sal-2033, allinjata mal-iskadenza tal-aġġornament li jmiss tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-

xmara, għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali fl-Istati Membri l-aktar affettwati mit-tibdil fil-klima.

Or. es

Emenda 142
François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) L-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2010/75/UE jenħtieġ li jiġi emendat biex jiġi żgurat li l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali jkunu indikattivi biss sabiex jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat meta jkunu jeżistu obbligi simili oħra skont dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni.

Or. fr

Emenda 143
Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat

Proposta għal direttiva
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(19b) L-Istati Membri mhumiex qed jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' investiment annwali, b'diskrepanza fil-finanzjament stmata ta' madwar EUR 25 000 000 000 fis-sena, skont ir-rapport tal-2025 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u għalhekk hemm bżonn li jiżdied il-livell ta' ambizzjoni u jiġi żgurat finanzjament adegwat madwar l-UE. L-ilma u l-użu effiċjenti tiegħu huma indispensabbli għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità għolja u**

għas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u għall-attivitajiet industrijali. It-tnaqqis tal-pressjoni fuq l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art jenħtieġ li jimxi id f'id mal-investimenti għall-infrastruttura tal-ilma, u l-użu tal-ilma reklamat u teknoloġiji ta' desalinazzjoni innovattivi. Jenħtieġ li dawk l-investimenti jkunu ffinanzjati b'mod suffiċjenti, fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, għall-iżvilupp, għall-manutenzjoni u għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ilma, irrawmu soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi u jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul ta' dik l-infrastruttura tal-ilma.

Or. es

Emenda 144
Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat

Proposta għal direttiva
Premessa 19c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19c) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Pjan Ewropew għall-Infrastruttura tal-Ilma biex jappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura tal-ilma, jagħti spinta lill-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tal-ilma u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi, bħad-desalinizzazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-ilma reklamat għall-użu agrikolu u industrijali, u jtejjeb il-kapaċità tal-UE li tadatta għall-effetti tat-tibdil fil-klima. Il-Pjan Ewropew għall-Infrastruttura tal-Ilma jenħtieġ li jiġbor flimkien b'mod strateġiku mekkaniżmi finanzjarji speċifiċi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività skont l-objettivi speċifiċi ta' kull wieħed minn dawn il-fondi. Il-Pjan Ewropew għall-Infrastruttura tal-Ilma jenħtieġ li jkollu l-għan li jappoġġa l-investimenti

inklużi fil-programmi ta' miżuri biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali tad-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma).

Or. es

Emenda 145
François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi jingħataw iż-żmien sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet il-ġodda jew riveduti u ċarezza dwar meta japplikaw id-dispożizzjonijiet il-ġodda jew riveduti, u b'hekk tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tagħhom; jenħtieġ li ***d-dispożizzjonijiet tranżitorji li bħalissa huma stabbiliti fid-Direttiva*** (UE) 2024/1785 ***jiġu mmodifikati sabiex ikopru wkoll l-Artikolu*** 14(1), ***il-punt*** (ab)***, u l-Artikolu*** 16(2) u (3) tad-Direttiva 2010/75/UE. Fl-interess tal-konsistenza, taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/1785 jitħassru minn dik id-Direttiva u jiżdiedu fl-Artikolu 82 tad-Direttiva 2010/75/UE***.***	(20) Sabiex l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi jingħataw iż-żmien sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet il-ġodda jew riveduti u ċarezza dwar meta japplikaw id-dispożizzjonijiet il-ġodda jew riveduti, u b'hekk tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tagħhom; jenħtieġ li ***t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva*** (UE) 2024/1785 ***jiġi estiż b'sentejn, jiġifieri sal-1 ta' Lulju 2028. Id-dispożizzjonijiet ta' simplifikazzjoni previsti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw mhux aktar tard mid-data tat-traspożizzjoni msemmija hawn fuq. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2024/1785, inklużi l-emendi tal-Artikolu*** 14(1), ***il-punti*** (ab) ***u (ba), u tal-Artikolu*** 16(2) u (3) tad-Direttiva 2010/75/UE***, sa mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Dawn iż-żewġ perjodi ta' traspożizzjoni huma indipendenti minn xulxin***. Fl-interess tal-konsistenza, taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tranżitorji ***attwalment*** stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/1785 jitħassru minn

dik id-Direttiva u jiżdiedu fl-Artikolu 82
tad-Direttiva 2010/75/UE

Or. fr

Emenda 146
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali jirrikjedi fost l-oħrajn l-istabbiliment fil-permessi tal-valuri limitu tal-emissjonijiet f'livell li jiżgura l-konformità mal-livelli ta' emissjonijiet applikabbli assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) normalment jiġu espressi bħala firxiet, aktar milli bħala valuri uniċi, biex jirriflettu d-differenzi f'tip partikolari ta' installazzjonijiet li jirriżultaw f'varjazzjonijiet fil-prestazzjonijiet ambjentali miksuba meta tiġi applikata l-BAT. Pereżempju, BAT partikolari ma tipprovdix l-istess prestazzjoni għal installazzjonijiet differenti, xi BATs jistgħu ma jkunux adatti għall-użu f'ċerti installazzjonijiet, jew taħlita ta' BATs tista' tkun aktar effettiva għal xi sustanzi niġġiesa jew fuq xi setturi ambjentali minn oħrajn. Il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali ġiet ipperikolata mill-prattika li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet fl-aktar tarf baxx tal-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa metodi tekniċi disponibbli, mingħajr ma jitqies il-potenzjal ta' installazzjoni partikolari li tikseb livelli ta' emissjonijiet aktar baxxi permezz tal-

applikazzjoni tal-aqwa metodi tekniċi disponibbli. Tali prattika tiskoraġġixxi lil dawk li jinsabu quddiem nett milli jimplimentaw metodi tekniċi aktar effettivi, u xxekkel il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet fl-aktar livell strett li jista' jinkiseb għall-installazzjoni speċifika, filwaqt li tqis il-firxa sħiħa tal-BAT-AELs kif ukoll l-effetti transmedjali. Jenħtieġ li l-valuri limitu tal-emissjonijiet ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur li tanalizza l-fattibbiltà li jintlaħaq it-tarf l-aktar strett tal-firxa tal-BAT-AEL u jimmiraw lejn l-aħjar prestazzjoni ambjentali possibbli għall-installazzjonijiet speċifiċi; sakemm l-operatur ma jurix li l-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti biss lill-installazzjoni kkonċernata li tilħaq valuri limitu tal-emissjonijiet anqas stretti. Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment tal-valuri limitu tal-emissjonijiet fil-permessi u l-adozzjoni ta' regoli ġenerali vinkolanti, jenħtieġ li l-konklużjonijiet tal-BAT ikun fihom informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jippermettu l-kisba ta' livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet fil-firxa tal-BAT-AELs stabbiliti għall-kategoriji ta' installazzjonijiet li għandhom karatteristiċi simili.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li d-dispożizzjoni mhux mibdula mid-Direttiva adottata fl-2024 qed tiġi kkontestata mir-rapport tal-Kumitat ENVI, sabiex tittenna l-importanza ta' dispożizzjoni eżistenti, din il-premessa tintroduċi l-kontenut, kelma kelma, tal-premessa 29 mid-Direttiva tal-2024. Mhija proposta l-ebda bidla fit-test operattiv eżistenti peress li l-Artikolu 15.3 kif adottat fl-2024 ma għandux jinbidel.

Emenda 147
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider, Viktória Ferenc

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-operaturi kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti u biex tissaħħaħ il-prevedibbiltà regolatorja, huwa xieraq li jiġi estiż l-intervall biex jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-kundizzjonijiet għal permess skont id-Direttiva 2010/75/UE.

Or. en

Emenda 148
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Skont l-istimi, l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja mill-enerġija u mill-industrija huma responsabbli għal 17 000 mewta fis-sena minħabba l-esponiment għall-PM2,5, għall-ożonu u għall-merkurju. L-applikazzjoni tal-aqwa tekniki disponibbli fil-punt tar-rimi fis-setturi tal-enerġija u tal-industrija tevita madwar 10 000 mewta u kostijiet esterni ta' EUR 28 biljun fis-sena[1a]. Dawn l-esternalitajiet negattivi jistgħu jitnaqqsu billi l-installazzjonijiet jintalbu jikkonformaw mat-tarf l-aktar strett tad-definizzjonijiet attwali tal-aqwa tekniki disponibbli. Għalhekk, il-bidla introdotta fid-Direttiva 2024/1785/KE rigward l-obbligu tal-awtorità li tistabbilixxi l-valuri limitu tal-emissjonijiet l-aktar stretti li jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni tal-BAT

f'installazzjoni, meta titqies il-firxa sħiħa tal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli, għandha tibqa' stabbilita u mhuwa propost l-ebda aġġustament għad-dispożizzjoni rispettiva.

[1a] Iċ-Ċentru għar-Riċerka dwar l-Enerġija u l-Arja (CREA), 2023: Upgrading Europe's air: How a strong Industrial Emissions Directive can save lives and money. disponibbli fuq: https://energyandcleanair.org/wp/wp-content/uploads/2023/04/CREA_Upgrading-Europes-Air.pdf

Or. en

Emenda 149
Jeannette Baljeu, Andreas Glück, Ilhan Kyuchyuk

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1. fl-Artikolu 2(1), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(e) splussivi li ***m'għadhomx*** attivi;	"(e) splussivi li ***ma għadhomx*** attivi***, inklużi sustanzi, taħlitiet u oġġetti kklassifikati bħala splussivi tal-Klassi 1 skont is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, meta jkunu ġestiti mill-forzi armati jew f'isimhom, jew skont regoli nazzjonali speċifiċi dwar id-difiża, is-sigurtà pubblika, is-sikurezza tal-isplussivi jew informazzjoni klassifikata***;"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva 2008/98/KE diġà teskludi l-isplussivi li ma għadhomx attivi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Madankollu, interpretazzjonijiet diverġenti ta' dik l-esklużjoni jistgħu joħolqu ostakli prattiċi għall-ġestjoni sigura, għad-demilitarizzazzjoni, għat-trasport jew għar-rimi ta' munizzjon, u b'hekk jaffettwaw il-prontezza operazzjonali. Ir-referenza għall-isplussivi tal-Klassi 1 tipprovdi bażi aktar ċara u armonizzata, filwaqt li tiżgura li tali materjali jibqgħu soġġetti għal reġimi ddedikati tad-difiża, tas-sigurtà u tas-sikurezza tal-isplussivi.

Emenda 150
Sergio Berlato, Michele Picaro, Pietro Fiocchi, Stefano Cavedagna, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 6, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	4a. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 3, id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 adottati mill-Istati Membri u t-tmiem tal-istatus ta' skart li jirriżulta għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha, inkluż għall-vjeġġi transkonfinali ta' skart fl-Unjoni.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32008L0098)

Emenda 151
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' rappurtar biex tiġbor data dwar	(c) jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' rappurtar***, li għandha tkun***

il-prodotti mqiegħda ***għall-ewwel darba*** fis-suq tal-Istat Membru ***mill-produtturi*** ta' prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur u data dwar il-ġbir u t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawk il-prodotti li tispeċifika, fejn xieraq, il-flussi tal-materjal tal-iskart, kif ukoll data oħra rilevanti għall-finijiet tal-punt (b)***, kif ukoll li l-produtturi*** jew, jekk maħtur mill-produttur, ir-rappreżentant awtorizzat tal-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ***ikunu meħtieġa jirrapportaw, f'konformità mar-rekwiżiti tal-ewwel sentenza ta' dan il-punt***, bi frekwenza massima ta' darba kull 12-il xahar, għal kull sena kalendarja preċedenti sħiħa;	***kompletament elettronika, interoperabbli u bbażati fuq formats ta' data armonizzati żviluppati fil-livell tal-Unjoni*** biex tiġbor data ***(i)*** dwaril-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Istat Membru ***li fih huwa stabbilit il-produttur u (ii) dwar il-prodotti magħmula disponibbli fis-suq tal-Istati Membri li l-produttur mhuwiex stabbilit fihom. Ir-rapportar għandu jsir minn produtturi*** ta' prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur u ***għandu jinkludi wkoll*** data dwar il-ġbir u t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawk il-prodotti li tispeċifika, fejn xieraq, il-flussi tal-materjal tal-iskart, kif ukoll data oħra rilevanti għall-finijiet tal-punt (b)***. Il-produtturi*** jew, jekk maħtur mill-produttur, ir-rappreżentant awtorizzat tal-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ***għandhom jissottomettu dik id-data lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, jew inkella jew permezz ta' kwalunkwe mekkaniżmu diġitali ċentralizzat ta' rapportar jew permezz ta' kwalunkwe network ta' sistemi diġitali nazzjonali interoperabbli stabbilit skont id-dritt tal-Unjoni għal dak l-għan***, bi frekwenza massima ta' darba kull 12-il xahar, għal kull sena kalendarja preċedenti sħiħa;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' rapportar jeħtieġ li tinkludi wkoll prodotti magħmula disponibbli fis-suq fi Stat Membru li fih ma jkunx stabbilit produttur. Ir-rapportar għandu japplika għall-prodotti magħmula disponibbli fis-suq f'sena partikolari - u mhux biss għall-prodotti magħmula disponibbli fis-suq għall-ewwel darba, peress li dan tal-aħħar jeskludi ħafna prodotti. Peress li l-Kummissjoni tista' toqgħod lura milli tistabbilixxi mekkaniżmu diġitali ċentrali ta' rapportar, għandha tiġi prevista wkoll il-possibbiltà ta' network ta' sistemi diġitali nazzjonali.

Emenda 152
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' rappurtar biex tiġbor data dwar il-prodotti mqiegħda għall-ewwel darba fis-suq tal-Istat Membru mill-produtturi ta' prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur u data dwar il-ġbir u t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawk il-prodotti li tispeċifika, fejn xieraq, il-flussi tal-materjal tal-iskart, kif ukoll data oħra rilevanti għall-finijiet tal-punt (b), kif ukoll li l-produtturi jew, jekk maħtur mill-produttur, ir-rappreżentant awtorizzat tal-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ikunu meħtieġa jirrapportaw, f'konformità mar-rekwiżiti tal-ewwel sentenza ta' dan il-punt, bi frekwenza ***massima*** ta' darba kull 12-il xahar, għal kull sena kalendarja preċedenti sħiħa;	(c) jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' rappurtar biex tiġbor data dwar il-prodotti mqiegħda għall-ewwel darba fis-suq tal-Istat Membru mill-produtturi ta' prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur u data dwar il-ġbir u t-trattament tal-iskart li jirriżulta minn dawk il-prodotti li tispeċifika, fejn xieraq, il-flussi tal-materjal tal-iskart, kif ukoll data oħra rilevanti għall-finijiet tal-punt (b), kif ukoll li l-produtturi jew, jekk maħtur mill-produttur, ir-rappreżentant awtorizzat tal-produttur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ikunu meħtieġa jirrapportaw, f'konformità mar-rekwiżiti tal-ewwel sentenza ta' dan il-punt, bi frekwenza ***minima*** ta' darba kull 12-il xahar, għal kull sena kalendarja preċedenti sħiħa;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni ta' "bi frekwenza massima ta' darba kull 12-il xahar" b'"bi frekwenza minima ta' darba kull 12-il xahar" tiżgura li jkun hemm rapportar annwali minimu armonizzat fl-UE kollha filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jirrikjedu rapportar aktar frekwenti meta jkun meħtieġ. Dan huwa importanti għal sistemi bħall-allokazzjoni tal-EPR/WEEE tal-Ġermanja, li jibbażaw fuq data ta' kull xahar dwar l-introduzzjoni fis-suq.

Emenda 153
Jeannette Baljeu, Andreas Glück, Ilhan Kyuchyuk, Olivier Chastel, Ana Vasconcelos

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1(a) fl-Artikolu 8a(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ca) Meta l-prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur jiġu fornuti għal finijiet ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-produtturi, jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, jirrapportaw id-data meħtieġa permezz ta' rapportar aggregat jew permezz ta' mezz ta' rapportar ristrett, meta d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dettaljata dwar it-tipi ta' prodotti, il-kwantitajiet, il-kompożizzjoni jew il-flussi ta' materjal ta' skart taffettwa b'mod ċar l-interessi essenzjali tas-sigurtà, tal-prontezza operazzjonali tad-difiża jew tal-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata.

Tali arranġamenti ma għandhomx jeżentaw lill-produtturi mill-obbligi tagħhom skont l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, inkluża r-responsabbiltà finanzjarja, u għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi rilevanti tal-iskart jirċievu l-informazzjoni meħtieġa għall-ġbir u għat-trattament sikuri tal-iskart, skont arranġamenti xierqa ta' kunfidenzjalità.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapportar dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jista' jirrikjedi informazzjoni dettaljata dwar il-volumi tal-prodotti, il-kompożizzjoni u l-flussi tal-iskart. Għal prodotti relatati mad-difiża, tali informazzjoni tista' tkun operazzjonalment sensittiva jew klassifikata. Possibbiltà inkwadrata b'mod ristrett għal rapportar aggregat jew ristrett tipproteġi s-sigurtà nazzjonali filwaqt li tippreżerva r-responsabbiltà tal-produttur u l-ġestjoni sikura tal-iskart.

Emenda 154
Susana Solís Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 8aa (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	“Artikolu 8aa
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fornitur ta’ pjattaforma online kbira ħafna, skont it-tifsira tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li tippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma’ produtturi għal prodotti soġġetti għal skema ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur, għandu jassumi l-obbligi ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur, sakemm ma japplikax il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.
	2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-fornitur tal-pjattaforma juri li, fiż-żmien tal-offerta, il-produttur fl-Istat Membru tal-konsumatur:
	(a) kien irreġistrat fir-reġistru nazzjonali tal-produtturi;
	(b) kien, meta jkun meħtieġ, inkariga organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi;
	(c) kien, meta jkun meħtieġ, ħatar rappreżentant awtorizzat; u
	(d) kien iddivulga lill-fornitur tal-pjattaforma l-prodotti kkonċernati, skont il-kategorija.
	3. Il-fornituri tal-pjattaformi għandhom jibbażaw fuq l-informazzjoni diġà miġbura skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2022/2065, meta jkun possibbli, biex jevitaw id-duplikazzjoni tal-obbligi ta’ diliġenza dovuta.
	4. Fuq talba, il-fornitur tal-pjattaforma għandu jagħmel disponibbli għall-awtorità kompetenti l-informazzjoni kollha meħtieġa, b’lingwa aċċettata minn dik l-awtorità.
	5. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-produttur li jaħtar rappreżentant awtorizzat meta tali

ħatra tkun legalment meħtieġa skont l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur applikabbli. La t-teħid tar-responsabbiltà għall-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur mill-fornitur tal-pjattaforma skont il-paragrafu 1, u lanqas l-eżenzjoni skont il-paragrafu 2, ma għandhom jeħilsu lill-produttur minn dak l-obbligu.";

Or. en

Emenda 155
Alexander Bernhuber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 8aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 8aa
	Responsabbiltà tal-pjattaformi online kbar ħafna
	(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna, skont il-lista ta' pjattaformi online kbar ħafna ddeżinjati ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi, għandhom jassumu r-responsabbiltajiet estiżi tal-produttur tal-produtturi li jużaw il-pjattaformi tagħhom għal prodotti li huma soġġetti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Dawk il-fornituri għandhom jiksbu l-informazzjoni meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur mill-produtturi li joffru prodotti li huma soġġetti għal dawn l-obbligi.
	(2) L-obbligu previst fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-fornitur tal-

pjattaforma kkonċernat li jagħti prova li l-produttur li joffri fuq il-pjattaforma tiegħu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru li fih jinsab il-konsumatur:

(a) il-produttur ikun irreġistrat fir-reġistru rilevanti tal-produtturi;

(b) il-produttur ikun inkariga organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, sa fejn dan ikun legalment meħtieġ;

(c) ikun inħatar rappreżentant awtorizzat, sa fejn dan ikun legalment meħtieġ;

(d) il-prodotti offruti u mibjugħa fuq il-pjattaforma li huma soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur jiġu ddivulgati lill-fornitur tal-pjattaforma mill-produttur, u mqassma skont il-kategorija; fuq talba tal-awtorità nazzjonali kompetenti, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa dwar il-prodotti offruti u mibjugħa fuq il-pjattaforma li huma soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur għandhom ikunu disponibbli b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità nazzjonali kompetenti.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni għall-kumpaniji tal-UE ma tiġix sfruttata minn "Pjattaformi Online Kbar Ħafna" (VLOPs), jiġifieri li dawn ma jużawx b'mod ħażin l-iskemi tal-EPR.

Emenda 156
Alexander Bernhuber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 8aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	“Artikolu 8aa
	Reġistru ċentrali tal-produtturi
	(1) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi reġistru ċentrali tal-produtturi. Dan ir-reġistru ċentrali għandu jinkludi d-data kollha kif ipprovduta mir-reġistri nazzjonali tal-produtturi u għandu jkun imfassal biex ikun interoperabbli.
	(2) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma mwettqa mill-awtoritajiet doganali fl-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, huwa neċessarju li din is-sistema ċentrali mħaddma mill-Kummissjoni tkun interoperabbli mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ladarba tiġi stabbilita.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni għall-kumpaniji tal-UE ma tiġix sfruttata minn “Pjattaformi Online Kbar Ħafna” (VLOPs), jiġifieri li dawn ma japprofittawx mill-iskemi tal-EPR.

Emenda 157
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta’ sustanzi perikolużi f’materjali u prodotti, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali armonizzati li	(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta’ sustanzi perikolużi f’materjali u prodotti, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali armonizzati li jikkonċernaw dawk il-materjali u l-prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni***, u jiżguraw li***

jikkonċernaw dawk il-materjali u l-prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;	***kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija mill-5 ta' Jannar 2021***; ***dik l-informazzjoni pprovduta għandha tinkludi identifikatur ċar tal-oġġett li jkun jinftiehem mill-konsumaturi u mill-operaturi tat-trattament tal-iskart u għandu jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2024/1781. Mhux aktar tard minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-fornituri għandhom jużaw l-istandards imsemmija fi [XXX – għandha tiżdied ir-referenza għad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tadotta standards armonizzati (JTC24) għall-passaporti diġitali tal-prodotti] biex jipprovdu din l-informazzjoni lill-Aġenzija. Il-fornituri ma għandhomx jibqgħu meħtieġa jipprovdu tali informazzjoni lill-Aġenzija jekk din tiġi pprovduta mill-fornitur permezz ta' passaport diġitali tal-prodotti lill-portal web stabbilit skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Firstly, this reinstates the current text in Article 9(2) of the Waste Framework Directive, maintaining the link between the promotion of the reduction of the content of hazardous substances in materials and products with the obligation on suppliers to provide information about substances in concern to ECHA (first sentence). Secondly, it specifies the minimum to be provided in line with the Eco-Design Regulation. Thirdly, it provides for the obligation to use the new standards applicable to digital product passports for the provision of this information (publication of a reference to those standards in the OJ is expected in the next days). Using the new standards would simplify and harmonize the notification and make it future-proof by integrating it with upcoming digital product passports. Finally, the amendment specifies that such information provision are no longer required when the information is accessible via the web portal on digital product passports. This is true simplification, integrating REACH notification requirements on substances of very high concern with notification requirements of such substances to ECHA and with information requirements under the Eco-Design Regulation in the form of digital product passports, using the same IT language for all.

Emenda 158
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta' sustanzi perikoluż f'materjali u prodotti, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali armonizzati li jikkonċernaw dawk il-materjali u l-prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni***;**	(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta' sustanzi perikoluż f'materjali u prodotti, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali armonizzati li jikkonċernaw dawk il-materjali u l-prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni***, u jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament, inklużi l-konċentrazzjoni tas-sustanza u l-post fl-oġġett, lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021, sakemm l-oġġett ma jkunx eżentat skont il-kundizzjonijiet li ġejjin. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a sabiex tiddefinixxi lista ta' oġġetti li għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit stabbilit f'dan il-paragrafu jekk tali oġġett diġà jkun soġġett għal rekwiżiti legali ekwivalenti li jiżguraw l-aċċess mill-operaturi tat-trattament tal-iskart u mill-konsumaturi, fuq talba, għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u biex tiddetermina d-dati rispettivi li minnhom għandhom japplikaw l-eżenzjonijiet.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Once an article is covered by an equivalent information system that fulfils the same requirements regarding substances of concern in the article — for example, the Digital Product Passport — it shall be exempt from reporting under the SCIP database. Although it may seem simpler to grant automatic exemption as soon as a product is covered by the Digital Product Passport, the Commission should issue a Delegated Act to ensure that only articles covered by an equivalent information system can benefit from the exemption. This also allows for a transition period to be implemented, ensuring that there is no data reporting gap for a product category. Additionally, it is crucial to inform waste management operators where substances of concern can be found in articles/waste and in what quantities, to ensure the usability of the information. Article 38a on the exercise of the delegation must be amended accordingly to the proposed modifications.

Emenda 159
Jeannette Baljeu, Andreas Glück, Ilhan Kyuchyuk, Olivier Chastel, Ana Vasconcelos

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta' sustanzi perikoluż f'materjali u prodotti, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali armonizzati li jikkonċernaw dawk il-materjali u l-prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;	(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta' sustanzi perikoluż f'materjali u prodotti, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali armonizzati li jikkonċernaw dawk il-materjali u l-prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni***, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti essenzjali tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali meta ma tkun disponibbli l-ebda alternattiva teknikament xierqa u meta jiġu applikati miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis tas-sustanzi perikoluż jibqa' objettiv importanti. Madankollu, ċerti sustanzi, kisjiet, materjali jew komponenti jistgħu jkunu essenzjali għall-prestazzjoni tad-difiża, għas-sikurezza, għad-durabbiltà jew għall-prontezza operazzjonali, u jista' jkun li għadhom mhumiex disponibbli alternattivi xierqa. Din l-emenda tipprevjeni l-politika dwar il-prevenzjoni tal-iskart milli timmina b'mod indirett il-kapaċitajiet tad-difiża, filwaqt li tippreżerva r-rekwiżiti eżistenti tal-Unjoni u tirrikjedi ġestjoni xierqa tar-riskju.

Emenda 160
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ia

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jiddaħħal il-punt (ia) li ġej:	***imħassar***
"(ia) jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021 sa [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva];"	

Or. en

Ġustifikazzjoni

The SCIP database is a unique source of information about substances of very high concern in articles. It would be irresponsible to let it die a slow death by ending the obligation for economic operators to pass such information to ECHA. Such information is necessary to facilitate proper waste management, improving the quality of recycling quality and enabling the transition to a clean circular economy. Such information is also useful to increase the protection of workers in waste management from exposure to hazardous substances. Finally, the database is the sole source of information for authorities with regard to substances of very high concern in articles and thus of major importance to inform policy decisions. Due to its current structure, in particular the flexibility with regard to article identifiers, the information included in the database has had limited usability thus far. There are however no tools which can fully substitute the database. SCIP is the sole database that encompasses information about substances of very high concern across all articles. Moreover, the Common Chemicals Data Platform adopted in 2024 relies on the SCIP database as key input, and Digital Product Passports under the Eco-Design Regulation will only be introduced gradually from 2027, and only for certain product categories. Rather than ending the notification requirements, they should be simplified by harmonising them with recently adopted standards and thus facilitate the integration of such information with upcoming digital product passports.

Emenda 161
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ia

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jiddaħħal il-punt (ia) li ġej:	***imħassar***
"(ia) jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021 sa [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva];"	

Or. en

Emenda 162
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ia

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ia) jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021 ***sa [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***;	(ia) jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021 ***ħlief jekk tali informazzjoni tiġi pprovduta mill-fornitur permezz ta' passaport diġitali tal-prodott lill-portal web stabbilit skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***;

Or. en

Emenda 163
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ia

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ia) jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021 ***sa [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***;	(ia) jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 33, tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament***, inklużi l-konċentrazzjoni tas-sustanza u l-post tagħha fl-oġġett,*** lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021;

Or. en

Emenda 164
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b − parti introduttorja
Direttiva 008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-paragrafu 2 huwa ***sostitwit b'dan li*** ġej:	(b) il-paragrafu 2 huwa ***emendat kif*** ġej:

Or. en

Emenda 165
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha żżomm id-data ***sottomessa lilha skont il-paragrafu 1, il-punt (ia)***.	2. ***L-għodda tal-IT fornuta mill-Kummissjoni għall-fini tas-sottomissjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (ia), għandha tkun mingħajr ħlas, kompletament interoperabbli mal-passaporti diġitali tal-prodotti meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tat-trasferiment tad-data.*** ***Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u wara li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati, għandha ttejjeb l-utilizzabbiltà u l-istruttura tal-bażi tad-data biex id-data tiġi sottomessa skont il-paragrafu 1(ia) ta' dan l-Artikolu, inkluż permezz ta' formati simplifikati ta' rapportar, aggregazzjoni meta jkun xieraq, u kompatibbiltà mal-proċessi industrijali u tal-immaniġġjar tal-iskart, filwaqt li żżomm il-livell ta' informazzjoni neċessarju għat-traċċabbiltà u għat-trattament sikur tal-iskart.*** L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha żżomm id-data ***u tipprovdi aċċess għal dik il-bażi tad-data lill-operaturi tal-immaniġġjar tal-iskart***. ***L-Aġenzija għandha tipprovdi wkoll aċċess għal dik il-bażi tad-data, fuq talba, lill-konsumaturi.***

Or. en

Emenda 166
Jeannette Baljeu, Andreas Glück, Ilhan Kyuchyuk, Olivier Chastel, Ana Vasconcelos

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha żżomm id-data sottomessa lilha skont il-paragrafu 1, il-punt (ia).	2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha żżomm id-data sottomessa lilha skont il-paragrafu 1, il-punt (ia). ***Meta tali data tikkonċerna prodotti, tagħmir jew komponenti relatati mad-difiża, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha, fuq talba debitament motivata minn Stat Membru jew fornitur u f'kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti rilevanti, iżżomm lura milli tippubblika jew tanonimizza informazzjoni meta d-divulgazzjoni taffettwa b'mod negattiv id-difiża, is-sigurtà nazzjonali jew il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata.*** ***Dan ma għandux jaffettwa l-obbligi li jiġu żgurati l-immaniġġjar sikur tal-iskart jew l-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza lill-operaturi kompetenti tal-iskart skont arranġamenti xierqa ta' kunfidenzjalità.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta twaqqaf in-notifiki l-ġodda tal-SCIP filwaqt li żżomm id-data diġà sottomessa lill-ECHA. Meta tali data arkivjata tikkonċerna prodotti jew informazzjoni klassifikata relatati mad-difiża, huma meħtieġa salvagwardji biex tiġi pprevenuta divulgazzjoni li tista' taffettwa s-sigurtà nazzjonali. Din l-emenda tipproteġi l-informazzjoni sensittiva mingħajr ma toħloq esklużjoni ġenerali mil-liġi tal-UE dwar l-iskart jew iddgħajjef l-obbligi għall-immaniġġjar sikur tal-iskart.

Emenda 167
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha ***żżomm*** id-data sottomessa lilha skont il-paragrafu 1, il-punt ***(ia)***.	2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha ***tistabbilixxi bażi tad-data biex*** id-data ***tiġi*** sottomessa lilha skont il-paragrafu 1, il-punt ***(i) sal-5 ta' Jannar 2020 u żżommha. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tipprovdi aċċess għal dik il-bażi tad-data lill-operaturi tat-trattament tal-iskart. L-Aġenzija għandha tipprovdi wkoll aċċess għal dik il-bażi tad-data, fuq talba, lill-konsumaturi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tiżgura li sal-1 ta' Jannar 2028, il-bażi tad-data tiffaċilita l-identifikazzjoni ċara mill-konsumaturi tal-oġġetti kkonċernati fir-rigward tal-oġġetti magħmula disponibbli fis-suq, u tipprevedi għodod ta' bażi tad-data li jiffaċilitaw l-aggregazzjoni tad-data b'mod li jkun rilevanti għall-finijiet tal-operaturi tat-trattament tal-iskart***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ewwel nett, l-ewwel tliet sentenzi jerġgħu jdaħħlu d-dispożizzjonijiet attwali tal-liġi. Id-drittijiet ta' aċċess għall-bażi tad-data kif iddikjarati fil-liġi attwali jeħtieġ li jiġu ppreżervati. It-tieni, l-ECHA għandha tingħata l-kompitu li tiżgura li l-bażi tad-data tilħaq l-objettivi tagħha. Għal dan l-għan, l-oġġetti li fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna jeħtieġ li jiġu identifikati b'mod ċar u b'mod li jippermetti lill-utenti tal-bażi tad-data jidentifikaw l-oġġetti li verament ġew introdotti fis-suq. Barra minn hekk, jeħtieġ li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-operaturi tat-trattament tal-iskart billi tippermetti l-aggregazzjoni tad-data.

Emenda 168
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha ***żżomm*** id-data sottomessa lilha skont il-paragrafu 1, il-punt ***(ia)***.	2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha ***tistabbilixxi bażi tad-data biex*** id-data ***tiġi*** sottomessa lilha skont il-paragrafu 1, il-punt ***(i) sal-5 ta' Jannar***

2020 u żżommha. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tipprovdi aċċess għal dik il-bażi tad-data lill-operaturi tal-immaniġġjar tal-iskart u tiżgura li d-data tkun operazzjonalment utilizzabbli minn tali operaturi, inkluż permezz ta' formati simplifikati, data standardizzata li tippermetti l-aggregazzjoni meta jkun xieraq, u l-kompatibbiltà mal-istandards industrijali eżistenti. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tipprovdi aċċess għal dik il-bażi tad-data wkoll lill-konsumaturi fuq talba.

Or. en

Emenda 169
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Aġenzija*** Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha ***żżomm id-data*** sottomessa lilha skont ***il-paragrafu 1***, il-punt (***ia***).	2. ***Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija*** Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi***,*** għandha ***ttejjeb l-utilizzabbiltà, l-interoperabbiltà u l-istruttura tal-bażi tad-data tad-data*** sottomessa lilha skont ***l-Artikolu 9(1)***, il-punt (***i***).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni tal-SCIP ma kinitx kompletament sodisfaċenti minħabba li l-outputs tad-data tagħha ma jaqdux biżżejjed il-ħtiġijiet tal-operaturi tal-immaniġġjar tal-iskart. L-emenda tagħti mandat lill-Kummissjoni u lill-ECHA biex itejbu l-SCIP sabiex ikun jista' jissodisfa aħjar l-għan maħsub tiegħu.

Emenda 170

Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Sal-31 ta' Marzu 2019, ***il-Kummissjoni*** għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi metodoloġija komuni għar-rappurtar dwar l-użu mill-ġdid tal-prodotti. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).	7. ***Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi indikaturi li jkejlu l-progress ġenerali fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart u,*** sal-31 ta' Marzu 2019, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi metodoloġija komuni għar-rappurtar dwar l-użu mill-ġdid tal-prodotti. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prevenzjoni tal-iskart tinsab fil-quċċata tal-ġerarkija tal-iskart. L-indikaturi tal-prevenzjoni tal-iskart huma kruċjali biex ikun jista' jiġi vvalutat is-suċċess tal-miżuri meħuda. L-obbligu fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart attwali li l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni biex jitkejjel il-progress ġenerali dwar il-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart - obbligu introdott fir-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart fl-2018! —għandu jibqa'. Sabiex jiġu evitati aktar dewmien u deprijoritizzazzjoni unilaterali bla bżonn, għandha tiġi stabbilita skadenza ċara għall-adozzjoni ta' dan l-att ta' implimentazzjoni.

Emenda 171
Susana Solís Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 33a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

Artikolu 33a

(1) Għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti li huma soġġetti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fis-suq tal-Unjoni ddeżinjati direttament lill-konsumatur, il-konsenjatur għandu jiddikjara dan li ġej:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur, tal-Istat Membru li fih jinsab il-konsumatur; u

(b) kif meħtieġ legalment, in-numru ta' reġistrazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat maħtur biex jirrappreżenta lill-produttur fl-Istat Membru, li fih jinsab il-konsumatur.

(2) L-awtorità kompetenti responsabbli għall-monitoraġġ tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tista' taċċessa d-data maħżuna jew disponibbli b'xi mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sa fejn ikun neċessarju għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali.

Or. en

Emenda 172
Alexander Bernhuber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 33a
	(1) Għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti li huma soġġetti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fis-suq tal-Unjoni ddeżinjati direttament lill-konsumatur, il-konsenjatur irid jiddikjara:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur, tal-Istat Membru li fih jinsab il-konsumatur; u

(b) kif meħtieġ legalment, in-numru ta' reġistrazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat maħtur biex jirrappreżenta lill-produttur fl-Istat Membru, li fih jinsab il-konsumatur.

(2) L-awtorità kompetenti responsabbli għall-monitoraġġ tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tista' taċċessa d-data maħżuna jew disponibbli b'xi mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sa fejn ikun neċessarju għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni għall-kumpaniji tal-UE ma tiġix sfruttata minn "Pjattaformi Online Kbar Ħafna" (VLOPs), jiġifieri li dawn ma jużawx b'mod ħażin l-iskemi tal-EPR.

Emenda 173
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 37 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. fl-Artikolu 37, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"6. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-informazzjoni magħmula disponibbli f'konformità ma' dan l-Artikolu.",	

"* Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).;"

Or. en

Emenda 174
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1. It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali ***u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem*** (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)	Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)

Or. fr

Emenda 175
François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali ***u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem*** (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)	Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)

Or. fr

Emenda 176
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-Direttiva 2010/75/UE hija emendata kif ġej:	Id-Direttiva 2010/75/UE hija emendata kif ġej:
	Sabiex ikun hemm ċarezza legali, għall-artikoli msemmija hawn taħt rigward id-Direttiva 2010/75/UE se jiġi introdott mekkaniżmu ta' "Waqqaf l-Arloġġ" għal kull Stat Membru sakemm id-dispożizzjonijiet il-ġodda jkunu ġew introdotti fl-Istat Membru rispettiv;

Or. en

Emenda 177
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punti 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) ***Fl-Artikolu 3, il-punti (2) u (3) jitħassru;***

Or. fr

Emenda 178
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1. Fl-Artikolu 3, il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. **"**tniġġis**"** tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attivita umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana jew ħsejjes fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;	***"***2. **'**tniġġis**'** tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attivita umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana jew ħsejjes fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent; **"**;

Or. fr

(ID-DIRETTIVA 2010/75/UE)

Emenda 179
François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1. Fl-Artikolu 3, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. **"**tniġġis**"** tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, ***bħala riżultat ta'*** attivita umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana jew ħsejjes fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew tgħarraq jew ***tfixkel il-faċilitajiet*** u ***l-użi*** oħra leġittimi ***tal-ambjent***;	***"***2. **'**tniġġis**'** tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, ***minħabba*** attivita umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana jew ħsejjes fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew ***li tinterferixxi mal-faċilitajiet*** u ***użi*** oħra leġittimi ***ta' din tal-aħħar***;

Or. fr

Emenda 180
Jessica Polfjärd

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 3, il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(2) "tniġġis" tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, b'riżultat ta' attività umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana, ħsejjes jew ***irwejjaħ*** fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li jirriżultaw fi ħsara għal proprjetà materjali, jew jaffettwaw ħażin jew ifixklu l-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;"	"(2) 'tniġġis' tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, b'riżultat ta' attività umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana, ħsejjes jew ***storbju*** fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li jirriżultaw fi ħsara għal proprjetà materjali, jew jaffettwaw ħażin jew ifixklu l-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;"

Or. en

(02010L0075-20240804)

Emenda 181

François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1a. Fl-Artikolu 3, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. **"**installazzjoni**"** tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha ***titwettaq*** attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I, fl-Anness Ia jew fil-Parti 1 tal-Anness VII, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitajiet elenkati f'dawk l-Annessi u li jista' jkollha effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis;	***"***3. **'**installazzjoni***'*** tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha ***tiġi eżerċitata*** attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I, fl-Anness Ia jew fil-Parti 1 tal-Anness VII, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitajiet elenkati f'dawk l-Annessi u li jista' jkollha effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis; ***";***

Or. fr

Emenda 182
François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid) Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1b. Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"3a. 'farm eżistenti' tfisser farm li mhuwiex ġdid; ";

Or. fr

Emenda 183
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:
	“3a. ‘farm eżistenti’ tfisser farm li mhuwiex ġdid; ”;

Or. fr

(Id-Direttiva 2010/75/UE)

Ġustifikazzjoni

Ċerti tekniki tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-farms jistgħu jinvolvu speċifiċitajiet fl-istruttura tal-bini. Għalhekk jeħtieġ li jiġu ċċarati l-kunċetti ta’ farm u unità eżistenti jew ġdida sabiex jiġu adattati t-tekniki li għandhom jintużaw u mhux biex jiġu imposti tekniki li jinvolvu bidliet strutturali f’bini eżistenti.

Emenda 184
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1b) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:
	“3b. ‘unità tat-trobbija eżistenti’ tfisser unità li mhijiex unità ġdida; ”;

Or. fr

(Id-Direttiva 2010/75/UE)

Ġustifikazzjoni

Ċerti tekniki tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-farms jistgħu jinvolvu speċifiċitajiet fl-istruttura tal-bini. Għalhekk jeħtieġ li jiġu ċċarati l-kunċetti ta’ farm u unità eżistenti jew ġdida sabiex jiġu adattati t-tekniki li għandhom jintużaw u mhux biex jiġu imposti tekniki li jinvolvu bidliet strutturali f’bini eżistenti.

Emenda 185
François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid) Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1c. Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"3b. 'unità tat-trobbija eżistenti' tfisser unità li mhijiex unità ġdida; ";

Or. fr

Emenda 186
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3c (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1c) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"3c. 'farm ġdid' tfisser farm li ġie awtorizzat għall-ewwel darba wara d-data tal-applikazzjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' din id-Direttiva, jew sostituzzjoni sħiħa ta' farm wara d-data tal-applikazzjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' din id-Direttiva; ";

Or. fr

(Id-Direttiva 2010/75/UE)

Ġustifikazzjoni

Ċerti tekniki tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-farms jistgħu jinvolvu speċifiċitajiet fl-istruttura tal-bini. Għalhekk jeħtieġ li jiġu ċċarati l-kunċetti ta' farm u unità eżistenti jew ġdida sabiex

jiġu adattati t-tekniki li għandhom jintużaw u mhux biex jiġu imposti tekniki li jinvolvu bidliet strutturali f'bini eżistenti.

Emenda 187
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1d (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3d (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1d) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"3d. 'unità tat-trobbija ġdida' tfisser unità li ġiet awtorizzata għall-ewwel darba fuq is-sit tal-farm wara d-data tal-applikazzjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' din id-Direttiva, jew sostituzzjoni sħiħa ta' unità fuq il-pedamenti eżistenti wara d-data tal-applikazzjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' din id-Direttiva; ";

Or. fr

(Id-Direttiva 2010/75/UE)

Ġustifikazzjoni

Ċerti tekniki tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-farms jistgħu jinvolvu speċifiċitajiet fl-istruttura tal-bini. Għalhekk jeħtieġ li jiġu ċċarati l-kunċetti ta' farm u unità eżistenti jew ġdida sabiex jiġu adattati t-tekniki li għandhom jintużaw u mhux biex jiġu imposti tekniki li jinvolvu bidliet strutturali f'bini eżistenti.

Emenda 188
Alexander Bernhuber

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 3, jitħassar il-punt 5a.

Or. en

(2010/75/UE)

Ġustifikazzjoni

L-AEPLs huma obsoleti minħabba diversi dispożizzjonijiet fl-atti leġiżlattivi speċjali bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

Emenda 189
François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1d (ġdid) Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punti 12a, 23, 23a u 23b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1d) Fl-Artikolu 3, jitħassru l-punti 12a, 23, 23a u 23b.

Or. fr

Emenda 190
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 3, il-punt 9a huwa sostitwit b'dan li ġej:
(9a) "trasformazzjoni industrijali profonda" tfisser l-implimentazzjoni mill-operaturi industrijali ta' metodi tekniċi ġodda jew l-aħjar metodi tekniċi disponibbli li jinvolvu bidla kbira fid-	"(9a) 'trasformazzjoni industrijali profonda' tfisser l-implimentazzjoni mill-operaturi industrijali ta' metodi tekniċi ġodda jew l-aħjar metodi tekniċi disponibbli li jinvolvu bidla kbira fid-

disinn jew fit-teknoloġija tal-installazzjoni kollha jew parti minnha jew is-sostituzzjoni ta’ installazzjoni eżistenti b’installazzjoni ġdida, li tippermetti tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra f’konformità mal-objettiv tan-newtralità klimatika u tottimizza l-kobenefiċċji ambjentali, mill-inqas għal-livelli li jistgħu jintlaħqu mill-metodi tekniċi identifikati fil-konklużjonijiet tal-BAT applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-effetti transmedjali;”;	disinn jew fit-teknoloġija tal-installazzjoni kollha jew parti minnha jew is-sostituzzjoni ta’ installazzjoni eżistenti b’installazzjoni ġdida***, stabbilita fi pjan ta’ trasformazzjoni li jakkumpanja l-applikazzjoni għal permess***, li tippermetti tnaqqis estremament sostanzjali tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra f’konformità mal-objettiv tan-newtralità klimatika u tottimizza l-kobenefiċċji ambjentali, mill-inqas għal-livelli li jistgħu jintlaħqu mill-metodi tekniċi identifikati fil-konklużjonijiet tal-BAT applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-effetti transmedjali;”;

Or. en

(DIRETTIVA (UE) 2024/1785)

Ġustifikazzjoni

Jitħassar l-obbligu li jitħejja pjan ta’ trasformazzjoni għall-installazzjonijiet industrijali introdott fl-2024. Jitqies raġonevoli li jinġieb lura għal għadd limitat ta’ installazzjonijiet - dawk li se jitolbu derogi mil-livelli ta’ emissjonijiet assoċjati mal-BATs minħabba li ġew ittrasformati b’mod profond u investiment ġdid għall-BATs jitqies bħala pass mhux mixtieq li jimblukkahom minn trasformazzjoni industrijali profonda. Huwa prežunt li tali trasformazzjoni jeħtieġ li tiġi deskritta xi mkien, inkella jkun diffiċli li wieħed jara kif se tiġi implimentata u vverifikata.

Emenda 191
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 3, il-punt 9a huwa sostitwit b’dan li ġej:
“trasformazzjoni industrijali profonda” tfisser l-implimentazzjoni mill-operaturi industrijali ta’ metodi tekniċi ġodda jew l-aħjar metodi tekniċi disponibbli li jinvolvu bidla ***kbira*** fid-disinn jew fit-teknoloġija tal-installazzjoni kollha jew parti minnha	“trasformazzjoni industrijali profonda” tfisser l-implimentazzjoni mill-operaturi industrijali ta’ metodi tekniċi ġodda jew l-aħjar metodi tekniċi disponibbli li jinvolvu bidla ***sinifikanti*** fid-disinn jew fit-teknoloġija tal-installazzjoni kollha jew

jew is-sostituzzjoni ta' installazzjoni eżistenti b'installazzjoni ġdida, li tippermetti tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***f'konformità mal-objettiv*** tan-newtralità klimatika u ***tottimizza l-kobenefiċċji*** ambjentali, ***mill-inqas għal-livelli li jistgħu jintlaħqu mill-metodi tekniċi identifikati fil-konklużjonijiet*** tal-BAT applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-effetti transmedjali;";	parti minnha jew is-sostituzzjoni ***jew l-immodernizzar sostanzjali*** ta' installazzjoni eżistenti b'installazzjoni ġdida, li tippermetti tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***li jikkontribwixxi għall-objettiv*** tan-newtralità klimatika u ***jtejjeb il-kobenefiċċji*** ambjentali, ***b'mod konsistenti mal-konklużjonijiet*** tal-BAT applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-effetti transmedjali;";

Or. en

Emenda 192
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) fl-Artikolu 3, jitħassar il-punt 23;

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-20240804)

Emenda 193
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punti 50a u 50b (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	"(50a) 'installazzjoni eżistenti' tfisser installazzjoni li mhijiex ġdida;

	(50b) 'installazzjoni ġdida' tfisser installazzjoni li l-kostruzzjoni tagħha ġiet awtorizzata jew irreġistrata wara d-data tal-applikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 82 jew sostituzzjoni sħiħa ta' installazzjoni wara d-data tal-applikazzjoni kif imsemmi f'dak l-Artikolu.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni tiżgura li l-ebda proġett eżistenti ma jkollu jintegra tekniki li jkunu jirrikjedu modifiki strutturali fil-bini eżistenti.

Emenda 194
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1e (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1e. Fl-Artikolu 8(3), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm jerġa' jkun hemm konformità skont it-tieni paragrafu, il-punti (b) u (c), it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien.	***"***3. Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm jerġa' jkun hemm konformità skont it-tieni paragrafu, il-punti (b) u (c), it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien***, minbarra l-impjanti elenkati fl-Anness Ia*.***"***

Or. fr

(ID-DIRETTIVA 2010/75/UE)

Emenda 195
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm jerġa' jkun hemm konformità skont it-tieni paragrafu, il-punti (b) u (c), it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien.	"3. Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm jerġa' jkun hemm konformità skont it-tieni paragrafu, il-punti (b) u (c), it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu***, minbarra l-impjanti elenkati fl-Anness Ia,*** għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien.**";**

Or. en

Emenda 196
Daniel Buda

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2024/1785/UE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1b) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. F'sitwazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta ksur persistenti tal-kundizzjonijiet għal permess joħloq periklu għas-saħħa tal-bniedem jew	"4. F'sitwazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta ksur persistenti tal-kundizzjonijiet għal permess joħloq periklu għas-saħħa tal-bniedem jew

jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu jista' jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess.	jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu***, minbarra l-impjanti elenkati fl-Anness Ia,*** jista' jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess.

Or. en

Emenda 197
François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1e (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafi 3 u 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1e. Fl-Artikolu 8, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:
3. Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm jerġa' jkun hemm konformità skont it-tieni paragrafu, il-punti (b) u (c), it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien.	3. Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm jerġa' jkun hemm konformità skont it-tieni paragrafu, il-punti (b) u (c), it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien***, minbarra l-impjanti msemmija fl-Anness Ia***.
Meta tali ksur tal-kundizzjonijiet għal-permess jhedded is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ il-ksur tal-kundizzjonijiet għal-permess	Meta tali ksur tal-kundizzjonijiet għal-permess jhedded is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ il-ksur tal-kundizzjonijiet għal-permess

għandu jiżgura li l-Istat Membru l-ieħor jiġi infurmat.	għandu jiżgura li l-Istat Membru l-ieħor jiġi infurmat.
4. F'sitwazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta ksur persistenti tal-kundizzjonijiet għal permess joħloq periklu għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu jista' jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess.	F'sitwazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta ksur persistenti tal-kundizzjonijiet għal permess joħloq periklu għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu***,*** ***minbarra l-impjanti elenkati fl-Anness Ia,*** jista' jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess. ***Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv u sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm jerġa' jkun hemm konformità mat-tieni paragrafu, il-punti (b) u (c), it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien, minbarra l-impjanti msemmija fl-Anness Ia. Meta tali ksur tal-kundizzjonijiet għal-permess jhedded is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ il-ksur tal-kundizzjonijiet għal-permess għandu jiżgura li l-Istat Membru l-ieħor jiġi infurmat.***
	Or. fr

Emenda 198
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1f (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1f. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. F'sitwazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta ksur persistenti tal-kundizzjonijiet għal permess joħloq periklu għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu jista' jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess.	***"***4. F'sitwazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta ksur persistenti tal-kundizzjonijiet għal permess joħloq periklu għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu***,*** ***minbarra l-impjanti elenkati fl-Anness Ia,*** jista' jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess.***"***

Or. fr

Emenda 199
François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1f (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c u f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1f. Fl-Artikolu 12(1), il-punti (c) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:
(c) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni, ***inklużi l-irwejjaħ***;	(c) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni;
(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli***, inklużi l-irwejjaħ,*** mill-installazzjoni f'kull element	(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli mill-installazzjoni f'kull element ambjentali, kif ukoll l-

ambjentali, kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;	identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;

Or. fr

Emenda 200
Jessica Polfjärd

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 12 – Applikazzjonijiet għal permessi

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) "Fl-Artikolu 12(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli***, inklużi l-irwejjaħ***, mill-installazzjoni f'kull element ambjentali, kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;	(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli, mill-installazzjoni f'kull element ambjentali kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;"

Or. en

(02010L0075-20240804)

Emenda 201
Sergio Berlato, Michele Picaro, Pietro Fiocchi, Stefano Cavedagna, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt f

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) Fl-Artikolu 12(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet imbassra mill-installazzjoni	"(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet ***regolati fil-konklużjonijiet***

f'kull element ambjentali kif ukoll ***l-identifikazzjoni*** tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;	***tal-BAT rilevanti għal kull settur speċifiku jew f'każ ta' nuqqas ta' konklużjonijiet tal-BAT speċifiċi għas-settur, l-emissjonijiet*** imbassra***, inklużi l-irwejjaħ,*** mill-installazzjoni f'kull element ambjentali***,*** kif ukoll ***identifikazzjoni*** tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;"

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32010L0075)

Emenda 202
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Viktória Ferenc

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva (UE) 2024/1785 li temenda d-Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati***, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu s-saħħa tal-bniedem jew il-protezzjoni tal-ambjent***, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jimmira għal ċiklu ta' rieżami ta' tmien snin tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT li jagħtu prijorità lid-dokumenti li għandhom l-ogħla potenzjal biex itejbu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent. It-tul ta' żmien tal-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jaqbeż l-erba' snin għal kull dokument ta' referenza tal-BAT individwali.	Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jimmira għal ċiklu ta' rieżami ta' tmien snin tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT li jagħtu prijorità lid-dokumenti li għandhom l-ogħla potenzjal biex itejbu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent. It-tul ta' żmien tal-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jaqbeż l-erba' snin għal kull dokument ta' referenza tal-BAT individwali."

Or. en

(Id-Direttiva (UE) 2024/1785, li temenda d-Direttiva 2010/75/UE)

Emenda 203
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Angelika Niebler, Oliver Schenk, Norbert Lins, Zala Černilec Tomašič, Peter Liese, Wouter Beke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati***, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu s-saħħa tal-bniedem jew il-protezzjoni tal-ambjent***, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jimmira għal ċiklu ta' rieżami ta' tmien snin tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT li jagħtu prijorità lid-dokumenti li għandhom l-ogħla potenzjal biex itejbu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent. It-tul ta' żmien tal-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jaqbeż l-erba' snin għal kull dokument ta' referenza tal-BAT individwali.	Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jimmira għal ċiklu ta' rieżami ta' tmien snin tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT li jagħtu prijorità lid-dokumenti li għandhom l-ogħla potenzjal biex itejbu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent. It-tul ta' żmien tal-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jaqbeż l-erba' snin għal kull dokument ta' referenza tal-BAT individwali."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-20240804)

Ġustifikazzjoni

L-emenda tappoġġja skambju ta' informazzjoni aktar effiċjenti u teknikament iffukat għat-tħejjija u għar-rieżami tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. Is-simplifikazzjoni tal-proċess

tgħin biex jiġu żgurati ċikli ta' rieżami prevedibbli, tnaqqas il-kumplessità proċedurali u tippermetti li l-qafas jiffoka fuq l-atturi involuti direttament fl-implimentazzjoni.

Emenda 204
Pietro Fiocchi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu, huwa sostitwit b'dan li ġej:
Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, l-informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi kondiviża biss mal-Kummissjoni u, wara li ***jkun ġie ffirmat*** ftehim ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni, ma' ħaddiema taċ-ċivil u ma' impjegati ***pubbliċi*** oħra li jirrappreżentaw lill-Istati Membri jew lill-aġenziji tal-Unjoni. L-informazzjoni għandha tiġi anonimizzata, ***b'tali mod li*** ma tirreferix għal operatur jew installazzjoni ***partikolari***, meta tiġi kondiviża mal-partijiet ikkonċernati l-oħra ***involuti*** fl-iskambju ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Informazzjoni mhux anonimizzata ***tista' tiġi kondiviża biss f'każijiet fejn l-anonimizzazzjoni tal-informazzjoni ma tippermettix skambju effettiv ta' informazzjoni dwar il-BAT fil-kuntest tat-tfassil, ir-rieżami u, fejn meħtieġ, l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT,*** ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ***li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u rappreżentanti ta'assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw is-setturi industrijali rilevanti, kif xieraq, u meta tali rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet u*** assoċjazzjonijiet ***ikunu ffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità***	Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, l-informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi kondiviża biss mal-Kummissjoni u, wara li ***jkunu ffirmaw*** ftehim ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni, ma' ħaddiema taċ-ċivil u ma' impjegati ***tas-settur pubbliku*** oħra li jirrappreżentaw lill-Istati Membri jew lill-aġenziji tal-Unjoni. L-informazzjoni għandha tiġi anonimizzata, ***sabiex*** ma tirreferix għal operatur jew installazzjoni ***speċifika***, meta tiġi kondiviża mal-partijiet ikkonċernati l-oħra ***li jipparteċipaw*** fl-iskambju ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. ***Il-kondivizjoni ta'*** informazzjoni mhux anonimizzata ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ***jew*** assoċjazzjonijiet ***industrijali hija pprojbita***. L-iskambju ta' informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni ***kummerċjali*** sensittiva għandu jibqa' strettament limitat għal dak li huwa teknikament ***neċessarju*** biex jitfasslu, jiġu rieżaminati u, fejn meħtieġ, aġġornati d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, u tali informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali

u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni. L-iskambju ta' informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni ***kummerċjalment*** sensittiva għandu jibqa' strettament limitat għal dak li huwa teknikament ***meħtieġ*** biex jitfasslu, jiġu rieżaminati u, fejn meħtieġ, ***jiġu*** aġġornati d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, u tali informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni ***kummerċjalment*** sensittiva ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra.

jew ***kummerċjali*** sensittiva ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra.";

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-20240804&qid=1783407411429)

Ġustifikazzjoni

L-għażla ta' devjazzjoni mill-anonimizzazzjoni tad-data tintroduċi kumplessità amministrattiva sproporzjonata u superfluwa fil-proċess tal-BREF. It-tħassir ta' din l-għażla jsegwi l-objettivi tal-inizjattiva Omnibus VIII biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.

Emenda 205
François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1- (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 13(3), jiżdied il-punt li ġej:
	***(e) gwida dwar metodoloġija armonizzata għall-istabbiliment tal-limitu minimu tal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs); din il-gwida għandha tiġi żviluppata billi titqies il-fattibbiltà teknika u ekonomika abbażi ta' kampjuni rappreżentattivi ta' impjanti fis-settur ikkonċernat;**

Or. fr

Emenda 206
François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) Fl-Artikolu 13(3), is-subparagrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-gwida msemmija fil-punti (c) ***u*** (d) tat-tieni subparagrafu għandha tqis l-opinjoni tal-forum u għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 75(2).	Il-gwida msemmija fil-punti (c)**,** (d) ***u (e)*** tat-tieni subparagrafu għandha tqis l-opinjoni tal-forum u għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 75(2).

Or. fr

Emenda 207
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Angelika Niebler, Oliver Schenk, Norbert Lins, Zala Černilec Tomašič, Peter Liese, Wouter Beke

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Kondizzjonijiet tal-permess	"Kondizzjonijiet tal-permess
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 11 u 18. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permessi jingħataw wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti kollha b'responsabbiltà rigward il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluż mal-istandards tal-kwalità ambjentali. Dawk il-miżuri	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 11 u 18. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permessi jingħataw wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti kollha b'responsabbiltà rigward il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluż mal-istandards tal-kwalità ambjentali. Dawk il-miżuri

għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej: (a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura, il-perikolożità u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor, filwaqt li titqies il-varjazzjoni tad-dinamika tal-fluss tal-ilma fil-korpi tal-ilma riċeventi. (***aa) il-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali f'konformità mal-Artikolu 15(4);*** (ab) rekwiżiti xierqa li jiżguraw il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 jew sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; (b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta' taħt l-art, tal-ilma tal-wiċċ u ż-żoni tal-qbid tal-ilma għal punti ta' astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2020/2184, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni***; (ba) rekwiżiti adattati li jistabbilixxu l-karatteristiċi ta' sistema ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mal-Artikolu 14a; (bb) rekwiżiti ta' monitoraġġ xierqa għall-konsum u l-użu mill-ġdid ta' riżorsi bħall-enerġija, l-ilma u l-materja prima***; (c) rekwiżiti adattati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, li jispeċifikaw: (i) il-metodoloġija tal-kejl, il-frekwenza u l-proċedura ta' valutazzjoni; u (ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), li r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ikunu disponibbli għall-istess perijodi ta' żmien u kondizzjonijiet ta' referenza bħal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli; (d) regolarment u mill-anqas darba fis-sena obbligu biex l-awtorità kompetenti tkun fornuta bi: (i) informazzjoni abbażi ta' riżultati tal-

għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej: (a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura, il-perikolożità u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor, filwaqt li titqies il-varjazzjoni tad-dinamika tal-fluss tal-ilma fil-korpi tal-ilma riċeventi. (ab) rekwiżiti xierqa li jiżguraw il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 jew sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; (b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta' taħt l-art, tal-ilma tal-wiċċ u ż-żoni tal-qbid tal-ilma għal punti ta' astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2020/2184, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni; (c) rekwiżiti adattati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, li jispeċifikaw: (i) il-metodoloġija tal-kejl, il-frekwenza u l-proċedura ta' valutazzjoni; u (ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), li r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ikunu disponibbli għall-istess perijodi ta' żmien u kondizzjonijiet ta' referenza bħal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli; (d) regolarment u mill-anqas darba fis-sena obbligu biex l-awtorità kompetenti tkun fornuta bi: (i) informazzjoni abbażi ta' riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) u data oħra meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess; u (ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet li jippermetti li jsir paragun mal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi

monitoraġġ tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) u data oħra meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess; u (ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet li jippermetti li jsir paragun mal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli; ***(iii) informazzjoni dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-politika ambjentali msemmija fl-Artikolu 14a;*** (e) rekwiżiti xierqa għaż-żamma u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art skont il-punt (b), u rekwiżiti xierqa li jikkonċernaw il-monitoraġġ perjodiku tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikoluż rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni; (f) miżuri relatati ma' kondizzjonijiet minbarra l-kondizzjonijiet normali ta' tħaddim bħall-bidu u t-tmien tat-tħaddim, tnixxijiet, ħsara, waqfien momentarju, u waqfien definittiv tat-tħaddim; (g) dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis ta' tniġġis f'distanzi fit-tul jew transkonfinali;. (h) kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet ***u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali*** jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati xi mkien ieħor. 2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-valuri limitu tal-emissjonijiet jistgħu jiġu supplimentati jew mibdula b'parametri ekwivalenti jew miżuri tekniċi li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent. 3. Il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istipular tal-kondizzjonijiet għal permessi. ***4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet aktar stretti għal permess minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-*** tekniċi disponibbli; (e) rekwiżiti xierqa għaż-żamma u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art skont il-punt (b), u rekwiżiti xierqa li jikkonċernaw il-monitoraġġ perjodiku tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikoluż rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni; (f) miżuri relatati ma' kondizzjonijiet minbarra l-kondizzjonijiet normali ta' tħaddim bħall-bidu u t-tmien tat-tħaddim, tnixxijiet, ħsara, waqfien momentarju, u waqfien definittiv tat-tħaddim; (g) dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis ta' tniġġis f'distanzi fit-tul jew transkonfinali;. (h) kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati xi mkien ieħor.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-valuri limitu tal-emissjonijiet jistgħu jiġu supplimentati jew mibdula b'parametri ekwivalenti jew miżuri tekniċi li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent. 3. Il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istipular tal-kondizzjonijiet għal permessi. 5. Fejn l-awtorità kompetenti tistabbilixxi kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar teknika disponibbli li ma hija deskritta fl-ebda waħda mill-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, hija għandha tiżgura li: (a) dik it-teknika hija determinata billi tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-kriterji elenkati fl-Anness III; u (b) jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-Artikolu 15. Fejn il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx fihom livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-teknika msemmija fl-ewwel subparagrafu tiżgura livell ta' protezzjoni

aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li bihom l-awtorità kompetenti tista' tiffissa tali kondizzjonijiet aktar stetti. 5. Fejn l-awtorità kompetenti tistabbilixxi kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar teknika disponibbli li ma hija deskritta fl-ebda waħda mill-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, hija għandha tiżgura li: (a) dik it-teknika hija determinata billi tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-kriterji elenkati fl-Anness III; u (b) jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-Artikolu 15. Fejn il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx fihom livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-teknika msemmija fl-ewwel subparagrafu tiżgura livell ta' protezzjoni ambjentali ekwivalenti għall-aħjar metodi tekniċi disponibbli deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT. 6. Fejn attività jew tip ta' proċess ta' produzzjoni imwettqa f'installazzjoni mhumiex koperti minn kwalunkwe waħda mill-konklużjonijiet tal-BAT jew fejn dawk il-konklużjonijiet ma jindirizzawx l-effetti ambjentali potenzjali kollha tal-attività jew il-proċess, l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni minn qabel mal-operatur, għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli li hi tkun iddeterminat għall-attivitajiet jew il-proċessi kkonċernati, billi tikkunsidra b'mod speċjali l-kriterji elenkati fl-Anness III. 7. Għall-installazzjonijiet imsemmija fil-punt 6.6 tal-Anness I, il-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju ***għal-leġislazzjoni*** relatata mat-trattament xieraq tal-annimali.

ambjentali ekwivalenti għall-aħjar metodi tekniċi disponibbli deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT. 6. Fejn attività jew tip ta' proċess ta' produzzjoni imwettqa f'installazzjoni mhumiex koperti minn kwalunkwe waħda mill-konklużjonijiet tal-BAT jew fejn dawk il-konklużjonijiet ma jindirizzawx l-effetti ambjentali potenzjali kollha tal-attività jew il-proċess, l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni minn qabel mal-operatur, għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli li hi tkun iddeterminat għall-attivitajiet jew il-proċessi kkonċernati, billi tikkunsidra b'mod speċjali l-kriterji elenkati fl-Anness III. 7. Għall-installazzjonijiet imsemmija fil-punt 6.6 tal-Anness I, il-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju ***għal-leġiżlazzjoni*** relatata mat-trattament xieraq tal-annimali.

„

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-20240804)

Ġustifikazzjoni

L-emenda tissimplifika l-kundizzjonijiet tal-permessi billi tneħħi r-rekwiżiti addizzjonali li hemm riskju li jidduplikaw l-obbligi eżistenti u jikkumplikaw iżżejjed il-proċess għall-ħruġ tal-permessi. Dan jippreżerva l-qafas ewlieni tad-Direttiva bbażat fuq il-BAT, isaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-operaturi u għall-awtoritajiet kompetenti u jiżgura protezzjoni ambjentali effettiva mingħajr piż amministrattiv bla bżonn.

Emenda 208
Pietro Fiocchi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) fl-Artikolu 14(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura, il-perikolożità u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor, filwaqt li titqies il-varjazzjoni tad-dinamika tal-fluss tal-ilma fil-korpi tal-ilma riċeventi;	"(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu ***regolati fil-konklużjonijiet tal-BAT rilevanti għal kull settur speċifiku jew, fil-każ ta' nuqqas ta' konklużjonijiet tal-BAT speċifiċi għas-settur, sustanzi*** elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura, il-perikolożità u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor, filwaqt li titqies il-varjazzjoni tad-dinamika tal-fluss tal-ilma fil-korpi tal-ilma riċeventi;"

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-20240804&qid=1783407411429)

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' Valuri Limitu tal-Emissjonijiet (VLE) irid ikun strettament iffukat fuq sustanzi niġġiesa ewlenin rilevanti għas-settur kif definit fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-fatt li parametri ġenerali jew mhux speċifiċi jitħallew jiġu inklużi fil-kundizzjonijiet tal-permessi

joħloq inċertezza legali serja u ineffiċjenzi fil-monitoraġġ transmedjali. Billi tirrestringi l-VLE għal sustanzi rilevanti għas-settur, din id-dispożizzjoni tirrazzjonalizza l-kontrolli tekniċi, tħaffef l-ammont ta' xogħol burokratiku għas-siti industrijali, u tipprevjeni l-applikazzjoni eteroġena madwar l-Istati Membri.

Emenda 209
Pietro Fiocchi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ab

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1b) fl-Artikolu 14(1), il-punt (ab) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(ab) rekwiżiti xierqa li jiżguraw il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 jew sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;	"(ab) rekwiżiti xierqa li jiżguraw il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi ***regolati fil-konklużjonijiet tal-BAT rilevanti għal kull settur speċifiku jew fil-każ ta' nuqqas ta' konklużjonijiet tal-BAT speċifiċi għas-settur, ta' sustanzi*** li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 jew sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;"

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-20240804&qid=1783407411429)

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit sistematiku li jiġu vvalutati r-riskji ambjentali għas-sustanzi REACH kollha skont l-IED joħloq proċess amministrattiv żejjed u mhux maniġġabbli. Din id-dispożizzjoni tidduplika l-proċeduri eżistenti tar-REACH u żżid l-ammont ta' xogħol ta' rapportar għall-operaturi mingħajr valur miżjud ambjentali oġġettiv.

Emenda 210
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ba

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) fl-Artikolu 14(1), it-tieni paragrafu, il-punt (ba) huwa mħassar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu tal-EMS diġà jirriżulta mill-Artikolu 14a u jista' jiġi vverifikat permezz ta' spezzjonijiet ambjentali. Hemm riskju li l-inklużjoni tal-karatteristiċi tal-EMS fil-permessi aġġornamenti u pożijiet addizzjonali tal-permessi għall-awtoritajiet kompetenti u għall-operaturi mingħajr benefiċċju ambjentali korrispondenti.

Emenda 211
Sergio Berlato, Michele Picaro, Pietro Fiocchi, Stefano Cavedagna, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1b) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi kondizzjonijiet aktar stretti għal permess minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li bihom l-awtorità kompetenti tista' tiffissa tali kondizzjonijiet aktar ***stetti***.	"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi kondizzjonijiet aktar stretti għal permess minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li bihom l-awtorità kompetenti tista' tiffissa tali kondizzjonijiet aktar ***stretti, dment li dawn ir-regoli jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku u ambjentali komprensiva u pubblika li tiġġustifika l-ħtieġa lokali ta' tali miżuri aktar stretti***."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32010L0075)

Emenda 212
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:
Artikolu 14	"Artikolu 14
Kondizzjonijiet tal-permess	Kondizzjonijiet tal-permess
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 11 u 18. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permessi jingħataw wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti kollha b'responsabbiltà rigward il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluż mal-istandards tal-kwalità ambjentali.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 11 u 18. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permessi jingħataw wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti kollha b'responsabbiltà rigward il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluż mal-istandards tal-kwalità ambjentali.
Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:	Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:
(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura, il-perikolożità u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor, filwaqt li titqies il-varjazzjoni tad-dinamika tal-fluss tal-ilma fil-korpi tal-ilma riċeventi;	(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura, il-perikolożità u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor, filwaqt li titqies il-varjazzjoni tad-dinamika tal-fluss tal-ilma fil-korpi tal-ilma riċeventi;
(aa) ***il-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali f'konformità mal-Artikolu 15(4);***	(ab) rekwiżiti xierqa li jiżguraw il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 jew sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet fl-

	Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
(ab) rekwiżiti xierqa li jiżguraw il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 jew sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;	(b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta' taħt l-art, tal-ilma tal-wiċċ u ż-żoni tal-qbid tal-ilma għal punti ta' astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2020/2184, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;
(b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta' taħt l-art, tal-ilma tal-wiċċ u ż-żoni tal-qbid tal-ilma għal punti ta' astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2020/2184, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;	(c) rekwiżiti adattati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, li jispeċifikaw:
(ba) rekwiżiti adattati li jistabbilixxu l-karatteristiċi ta' sistema ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mal-Artikolu 14a;	(i) il-metodoloġija tal-kejl, il-frekwenza u l-proċedura ta' valutazzjoni; u
(bb) rekwiżiti ta' monitoraġġ xierqa għall-konsum u l-użu mill-ġdid ta' riżorsi bħall-enerġija, l-ilma u l-materja prima;	(ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), li r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ikunu disponibbli għall-istess perijodi ta' żmien u kondizzjonijiet ta' referenza bħal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;
(c) rekwiżiti adattati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, li jispeċifikaw:	(d) regolarment u mill-anqas darba fis-sena obbligu biex l-awtorità kompetenti tkun fornuta bi:
(i) il-metodoloġija tal-kejl, il-frekwenza u l-proċedura ta' valutazzjoni; u	(i) informazzjoni abbażi ta' riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) u data oħra meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess; u
(ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), li r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ikunu disponibbli għall-istess perijodi ta' żmien u kondizzjonijiet ta' referenza bħal-livelli ta' emissjonijiet	(ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet li jippermetti li jsir paragun mal-livelli ta' emissjonijiet

assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;	assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;
(d) regolarment u mill-anqas darba fis-sena obbligu biex l-awtorità kompetenti tkun fornuta bi:	(e) rekwiżiti xierqa għaż-żamma u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art skont il-punt (b), u rekwiżiti xierqa li jikkonċernaw il-monitoraġġ perjodiku tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikoluży rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni;
(i) informazzjoni abbaży ta' riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) u data oħra meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess; u	(f) miżuri relatati ma' kondizzjonijiet minbarra l-kondizzjonijiet normali ta' tħaddim bħall-bidu u t-tmien tat-tħaddim, tnixxijiet, ħsara, waqfien momentarju, u waqfien definittiv tat-tħaddim;
(ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet li jippermetti li jsir paragun mal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;	(g) dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis ta' tniġġis f'distanzi fit-tul jew transkonfinali;.
(iii) informazzjoni dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-politika ambjentali msemmija fl-Artikolu 14a;	(h) kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati xi mkien ieħor.
(e) rekwiżiti xierqa għaż-żamma u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art skont il-punt (b), u rekwiżiti xierqa li jikkonċernaw il-monitoraġġ perjodiku tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikoluży rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni;	2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-valuri limitu tal-emissjonijiet jistgħu jiġu supplimentati jew mibdula b'parametri ekwivalenti jew miżuri tekniċi li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent.

(f) miżuri relatati ma' kondizzjonijiet minbarra l-kondizzjonijiet normali ta' tħaddim bħall-bidu u t-tmien tat-tħaddim, tnixxijiet, ħsara, waqfien momentarju, u waqfien definittiv tat-tħaddim;	3. Il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istipular tal-kondizzjonijiet għal permessi.
(g) dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis ta' tniġġis f'distanzi fit-tul jew transkonfinali;.	5. Fejn l-awtorità kompetenti tistabbilixxi kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar teknika disponibbli li ma hija deskritta fl-ebda waħda mill-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, hija għandha tiżgura li:
(h) kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet ***u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali*** jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati xi mkien ieħor.	(a) dik it-teknika hija determinata billi tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-kriterji elenkati fl-Anness III; u
2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-valuri limitu tal-emissjonijiet jistgħu jiġu supplimentati jew mibdula b'parametri ekwivalenti jew miżuri tekniċi li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent.	(b) jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-Artikolu 15. Fejn il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx fihom livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-teknika msemmija fl-ewwel subparagrafu tiżgura livell ta' protezzjoni ambjentali ekwivalenti għall-aħjar metodi tekniċi disponibbli deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT.
3. Il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istipular tal-kondizzjonijiet għal permessi.	6. Fejn attività jew tip ta' proċess ta' produzzjoni imwettqa f'installazzjoni mhumiex koperti minn kwalunkwe waħda mill-konklużjonijiet tal-BAT jew fejn dawk il-konklużjonijiet ma jindirizzawx l-effetti ambjentali potenzjali kollha tal-attività jew il-proċess, l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni minn qabel mal-operatur, għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli li hi tkun iddeterminat għall-attivitajiet jew il-proċessi kkonċernati, billi tikkunsidra b'mod speċjali l-kriterji elenkati fl-Anness III. 7. Għall-installazzjonijiet imsemmija fil-punt 6.6 tal-Anness I, il-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni relatata mat-trattament xieraq tal-annimali.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet aktar stretti għal permess minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li bihom l-awtorità kompetenti tista' tiffissa tali kondizzjonijiet aktar stetti.

5. Fejn l-awtorità kompetenti tistabbilixxi kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar teknika disponibbli li ma hija deskritta fl-ebda waħda mill-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, hija għandha tiżgura li:

(a) dik it-teknika hija determinata billi tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-kriterji elenkati fl-Anness III; u

(b) jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-Artikolu 15. Fejn il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx fihom livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-teknika msemmija fl-ewwel subparagrafu tiżgura livell ta' protezzjoni ambjentali ekwivalenti għall-aħjar metodi tekniċi disponibbli deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT.

Or. en

(Id-Direttiva (UE) 2024/1785 li temenda d-Direttiva 2010/75/UE)

Emenda 213
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Id-Direttiva (UE) 2024/1785, li temenda d-Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) [...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 214
Andreas Glück

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) l-Artikolu 14a ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***	(1) ***jitħassar*** l-Artikolu 14a***;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa ta' EMS obbligatorja bħala parti mill-permess twassal għal aktar dewmien proċedurali u tirrappreżenta piż amministrattiv enormi għall-kumpaniji koperti mill-IED. Il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji diġà implimentaw EMS skont normi internazzjonali bħall-ISO 14001.

Emenda 215
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout, Roman Haider

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) l-Artikolu 14a ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***	(1) ***jitħassar*** l-Artikolu 14a***;***
	(L-Artikolu 14a jitħassar)

Or. en

Emenda 216
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) l-Artikolu 14a huwa sostitwit b'dan li ġej:	(1) l-Artikolu 14a***(1)*** huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 217
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14a	***imħassar***

Or. en

Emenda 218
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sistema ta' ġestjoni ambjentali	***imħassar***

Or. en

Emenda 219
Alexander Bernhuber

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/KE
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pubblikazzjoni obbligatorja tal-kontenut tal-EMS fuq l-internet għandha titħassar biex tiġi evitata burokrazija addizzjonali u l-pubblikazzjoni ta' data relatata mal-produzzjoni. Ma hemm l-ebda valur ambjentali miżjud.

Emenda 220
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/KE
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ***ikunu*** taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' ***Stat*** Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li	1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ***li jinsabu fl-istess Stat Membru jkunu*** taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' ***dak l-Istat*** Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda***, dment li tal-inqas il-miżuri elenkati fit-tieni paragrafu taħt (a)***

jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.	***u (da) jiġu implimentati minn kull installazzjoni koperta mill-EMS waħda***. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS. ***Barra minn hekk, l-EMS għandha tinkludi informazzjoni addizzjonali relatata ma' kunsiderazzjonijiet usa' tas-sigurtà tal-ilma relatati mas-saħħa u mar-reżiljenza tal-baċir idrografiku rilevanti għall-installazzjoni jew għall-installazzjonijiet.***

Or. en

Emenda 221
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.	1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS. ***Meta EMS waħda tkopri diversi installazzjonijiet, l-objettivi ambjentali, l-indikaturi tal-prestazzjoni, l-inventarji u informazzjoni oħra meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jibqgħu disponibbli fil-livell tal-installazzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Additional wording would prevent companies from claiming that data can be reported only in an aggregated form through a single EMS. Under the IED, environmental compliance is evaluated and enforced for each individual installation rather than at company level. For this reason, competent authorities need access to installation-specific environmental data to properly assess and verify environmental performance. This level of detail is also essential for the development of the BREFs under the IED. These reference documents form the basis for the permit conditions that authorities issue or update for individual installations. Reporting only at company level would not provide the level of detail needed either to evaluate the environmental performance of individual factories or to support the EU BREF process.

Emenda 222
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.	1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. ***Meta diversi installazzjonijiet ikunu koperti minn EMS waħda, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali għandha tiġi pprovduta separatament għal kull installazzjoni.*** L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.

Or. en

Emenda 223
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.	1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda ***dment li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tkun speċifika għall-installazzjoni***. L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.

Or. en

Emenda 224
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. ***L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li***	1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda.

jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.

Or. en

Emenda 225
Andreas Glück

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda. ***L-EMS għandha tikkonforma mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS.***	1. Meta, fl-istess Stat Membru, żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll tal-istess operatur, jew meta żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi differenti iżda jkunu jappartjenu għall-istess kumpanija li tkun ifformata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, dawk l-installazzjonijiet jistgħu jkunu koperti minn EMS waħda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operaturi tal-impjanti koperti mill-IED diġà huma obbligati jikkonformaw mal-konklużjonijiet tal-BAT permezz ta' mezzi oħra.

Emenda 226
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għandu jiġi preżunt li operatur li jimplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mal-ISO 14001, jew l-Iskema Ewropea ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 227
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-EMS għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:	***imħassar***
(a) objettivi tal-politika ambjentali għat-titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali u tas-sikurezza tal-installazzjonijiet ikkonċernati, li għandhom jinkludu miżuri biex	
(i) jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart;	
(ii) jottimizzaw l-użu tar-riżorsi u tal-enerġija u l-użu mill-ġdid tal-ilma;	
(iii) jipprevjenu jew inaqqsu l-użu jew l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi;	
(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti, li għandhom iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT;	
(c) għall-installazzjonijiet li jappartjenu għall-intrapriżi koperti mill-obbligu li jwettqu awditu tal-enerġija jew li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE*, l-inklużjoni tar-riżultati ta'	

dak l-awditu jew l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 8 u l-Anness VI ta' dik id-Direttiva u tal-miżuri għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

(d) miżuri meħuda biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u jiġu evitati riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, inklużi miżuri korrettivi u preventivi fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 228
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-EMS għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:	2. ***Sakemm l-EMS ma titħejjiex f'konformità mal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS), mal-ISO 14001 jew ma' standards ta' ġestjoni ambjentali Ewropej jew internazzjonali rilevanti ekwivalenti ċċertifikati minn korpi akkreditati,*** l-EMS għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rikonoxximent tal-EMAS/ISO 14001 jevita d-duplikazzjoni u jappoġġja l-użu ta' sistemi ta' ġestjoni ambjentali eżistenti u rikonoxxuti internazzjonalment. Iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun biżżejjed biex turi l-konformità meta l-ambitu jkopri l-installazzjoni(jiet) rilevanti.

Emenda 229
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jottimizzaw l-użu tar-riżorsi u tal-enerġija u l-użu mill-ġdid tal-ilma;	(ii) jottimizzaw l-użu tar-riżorsi u tal-enerġija u l-użu mill-ġdid ***u t-tnaqqis tal-użu*** tal-ilma;

Or. en

Emenda 230
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – punt 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	EMS iċċertifikata skont l-EMAS, l-ISO 14001 jew standards ta' ġestjoni ambjentali Ewropej jew internazzjonali rilevanti ekwivalenti ċċertifikati minn korpi akkreditati għandha titqies li tikkonforma ma' dan l-Artikolu, dment li l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni jkopri l-installazzjoni jew l-installazzjonijiet ikkonċernati.

Or. en

Emenda 231
Andreas Glück

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti***, li għandhom iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT***;	(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa li l-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-EMS iqisu tali parametri referenzjarji tal-BAT effettivament jintroduċi mill-ġdid approċċ speċifiku għall-installazzjoni.

Emenda 232
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti***, li għandhom iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT;***	(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti**.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-parametri referenzjarji tal-BAT tillimita l-effett prattiku tas-simplifikazzjoni tal-EMS. L-EMS għandha tibqa' għodda ta' ġestjoni flessibbli adattata għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tal-installazzjonijiet, aktar milli rotta addizzjonali għall-impożizzjoni ta' obbligi relatati mal-BAT speċifiċi għall-installazzjoni.

Emenda 233
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti, li għandhom iqisu ***l-parametri*** referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT;	(b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta' aspetti ambjentali sinifikanti, li għandhom iqisu ***kif xieraq il-parametri*** referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-punt (b) jirrappreżenta parti mhux mibdula tad-direttiva adottata fl-2024 li r-rapport tal-Kumitat ENVI jemenda. Din il-bidla hija kkontestata, u din l-emenda tipprovdi appoġġ sħiħ għall-qari tad-Direttiva fl-2024. L-użu tal-ilma u l-effiċjenza tiegħu jistgħu f'għadd ta' setturi u minħabba nuqqas ta' data jkunu rrappreżentati fil-konklużjonijiet tal-BAT b'parametri referenzjarji biss. Dan ma jfissirx li dan l-element ma jirrappreżentax aspett ambjentali sinifikanti għall-installazzjoni inkwistjoni u li titjib kontinwu fuq dan l-aspett ma għandux jitqies f'EMS.

Emenda 234
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) inventarju tas-sustanzi kimiċi tas-sustanzi perikolużi preżenti fl-installazzjoni bħala tali, jew emessi minnha, bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra jew bħala parti mit-taħlitiet, b'kunsiderazzjoni speċjali mogħtija għas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u s-sustanzi indirizzati fir-restrizzjonijiet imsemmija fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għal dawn is-sustanzi, valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tat-tali sustanzi fuq is-saħħa tal-ħaddiema u taċ-ċittadini u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom

b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 235
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri meħuda biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u jiġu evitati riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, inklużi miżuri korrettivi u preventivi fejn meħtieġ.	(d) miżuri meħuda biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u jiġu evitati riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, inklużi miżuri korrettivi u preventivi fejn meħtieġ***, u miżuri meħuda biex jiġu evitati riskji tal-ilma li jwasslu għal assi mhux rekuperabbli fil-futur, b'mod partikolari amministrazzjoni tal-ilma u miżuri ta' restawr li jwasslu għal benefiċċji volumetriċi tal-ilma***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fis-settur tal-ikel u x-xorb, dawn il-prattiki diġà ġew adottati minn għadd ta' mexxejja fl-industrija u għandhom jiġu promossi b'mod attiv bħala parametru referenzjarju biex jiġi żgurat il-futur tal-industriji dipendenti fuq l-ilma. Filwaqt li d-dipendenza fuq l-ilma tkopri s-setturi kollha sa ċertu punt, din tibqa' fattur ta' riskju kritiku għal kollha. Konsegwentement, l-integrazzjoni ta' dawn il-miżuri tista' ttejjeb b'mod sinifikanti s-Sistemi ta' Ġestjoni Ambjentali (EMS), filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika fit-tul kemm tal-installazzjonijiet individwali kif ukoll tal-intrapriża usa'.

Emenda 236
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) inventarju tas-sustanzi kimiċi ta' mill-inqas is-sustanzi bi klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati, tal-klassijiet ta' periklu kollha, elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, preżenti fl-installazzjoni bħala tali jew emessi minnha, bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra jew bħala parti minn taħlitiet, u ta' subsett tal-PFAS fil-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma ta' taħt l-art u ta' sustanzi prijoritarji kif elenkati fl-Anness III u fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2026/805; u valutazzjoni tar-riskju tal-impatt ta' dawn is-sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu jew tal-emissjonijiet tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Deletion of chemical inventory and chemical management system is not justified. Report from Finnish Environmental Institute co-financed from Interreg Baltic Region Strengthening chemicals management in Best Available Techniques Reference Documents from 2021 clearly identified the need for such inventory and was proposed in the EC proposal for IED2.0 in 2022. EPRS service couldnt find any overlap of obligations under CMS in IED adopted in 2024 with obligations under other ENVI legislation. This amendment proposes limiting the scope of such inventory to classified substances, plus a subset of PFAS substances for which environmetnal quality standards and standards for groundwater were agreed in 2026 and the reduction of which is necessary if MS are to strive to comply in future with the standards, and thus significantly limits the burden on installations.

Emenda 237
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) pjan ta' trasformazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 27d.

Or. en

Emenda 238
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) pjan ta' trasformazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 27d.

Or. en

Emenda 239
Alexander Bernhuber

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(da) is-sistemi użati b'mod komuni u li jinftiehmu b'mod wiesa' bħall-ISO 14001 u l-EMAS kif ukoll is-sistemi speċifiċi għas-settur rikonoxxuti minn Stat Membru huma rikonoxxuti b'mod espliċitu bħala Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu 14a.

Or. en

(2010/75/UE)

Ġustifikazzjoni

L-elementi elenkati fl-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2010/75/UE spiss jiġu inkorporati fl-EMAS u fl-ISO 14001 kif ukoll f'sistemi oħra. Barra minn hekk, hemm EMS speċifiċi għas-settur fl-Istati Membri li saħansitra jiġu awditjati u ċċertifikati mill-awdituri tal-EMAS u għalhekk huma rikonoxxuti mill-awtoritajiet. Għalhekk irid ikun assolutament ċar li dawn is-sistemi huma kkunsidrati bħala EMS skont it-tifsira tal-Artikolu 14a.

Emenda 240
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-livell ta' dettall tal-EMS għandu jkun konsistenti man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjonijiet ikkonċernati, u l-firxa tal-impatti ambjentali li jista' jkollhom.	***imħassar***
Meta l-elementi li jeħtieġ jiġu inklużi fl-EMS, inklużi objettivi, indikaturi tal-prestazzjoni jew miżuri, ikunu diġà ġew żviluppati f'konformità ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u jikkonformaw ma' dan l-Artikolu, referenza fl-EMS għad-dokumenti rilevanti għandha tkun biżżejjed.	

Or. en

Emenda 241
Andreas Glück

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3a. Għall-operaturi li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mal-ISO 14001, mal-Iskema Ewropea ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) jew ma sistemi stabbiliti oħra, għandu jiġi preżunt li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 242
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sal-1 ta' Lulju 2028, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom l-operaturi jistgħu jqisu li l-elementi tal-EMS jiġu żviluppati f'konformità ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u għalhekk jistgħu jinkludu biss referenza fl-EMS għad-dokumenti rilevanti. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).

Or. en

Emenda 243
Martin Günther

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3a. Għandu jiġi preżunt li operatur li jimplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mal-Iskema Ewropea ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li l-operaturi tal-installazzjonijiet jew tal-faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart iċċertifikati skont skemi ta' ġestjoni ambjentali nazzjonali ekwivalenti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti ta' din id-Direttiva, jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Regarding waste management facilities, many Member States already require stringent, specialised national certification schemes (such as the German Regulation on Specialised Waste Management Companies (Entsorgungsfachbetriebeverordnung – EfbV)) that ensure high environmental and sustainability standards. Many of these national schemes already audit and verify elements that are identical to the requirements of EMAS. Recognising these equivalent, specialised national systems through a Member State option would make a significant contribution to simplification by avoiding unnecessary duplication of audits, reducing costs for circular economy operators, and maintaining a high level of environmental protection without lowering the bar for compliance.

Emenda 244
Martin Günther, Sebastian Everding, Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fil-paragrafu 2 tkun disponibbli fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess tal-utenti rreġistrati.	***imħassar***

Jekk id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tkun taffettwa b'mod avvers kwalunkwe wieħed mill-interessi elenkati fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (h), tad-Direttiva 2003/4/KE**, l-informazzjoni tista' tiġi redatta jew, jekk dan ma jkunx possibbli, eskluża meta ssir disponibbli fuq l-internet.

L-operatur għandu jħejji u jimplimenta l-EMS f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu sal-1 ta' Lulju 2028 ħlief għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 82.

L-EMS għandha tiġi rrieżaminata perjodikament sabiex jiġi żgurat li tibqa' xierqa, adegwata u effettiva."

(**) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/4/oj).

Or. en

Emenda 245
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fil-paragrafu 2 tkun disponibbli fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess tal-utenti rreġistrati.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu relatat mas-sistemi ta' ġestjoni ambjentali għandu jiġi ssimplifikat permezz tat-tneħħija tar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni li mhumiex strettament meħtieġa. Il-pubblikazzjoni obbligatorja timponi kompiti amministrattivi rikorrenti fuq l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-valutazzjoni u r-redazzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, mingħajr ma tagħti benefiċċju ambjentali proporzjonat. L-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali diġà huwa garantit taħt l-oqfsa legali eżistenti tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

Emenda 246
François-Xavier Bellamy, Céline Imart

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fid-Direttiva (UE) 2010/75/UE, jitħassar il-paragrafu 4 tal-Artikolu 14a.

Or. fr

Emenda 247
Susana Solís Pérez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fil-paragrafu 2 tkun disponibbli ***fuq l-internet,*** mingħajr ***ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess tal-utenti rreġistrati***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fil-paragrafu 2 tkun disponibbli ***għall-pubbliku b'mod trasparenti*** mingħajr ***ostakoli ta' reġistrazzjoni, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kunfidenzjalità kummerċjali u l-eżenzjonijiet previsti hawn taħt. Meta l-operatur ikun irreġistrat fl-EMAS, il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni ambjentali vvalidata f'konformità mar-***

Regolament (KE) Nru 1221/2009 għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 248
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fil-paragrafu 2 tkun disponibbli fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess tal-utenti rreġistrati.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti stabbilita fl-EMS u elenkata fil-paragrafu 2 tkun disponibbli fuq l-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess tal-utenti rreġistrati. ***Il-Kummissjoni għandha, sat-30 ta' Ġunju 2027, tadotta att ta' implimentazzjoni li dwaru l-informazzjoni tkun rilevanti għall-pubblikazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).***

Or. en

Emenda 249
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2028, tadotta att ta' implimentazzjoni li dwaru l-informazzjoni tkun rilevanti għall-pubblikazzjoni. Dak l-

att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' simplifikazzjoni ta' din il-proposta, jidher li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit format komuni għall-UE kollha għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti.

Emenda 250
Alexander Bernhuber

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titħejja u tiġi implimentata EMS għal installazzjoni jew sett ta' installazzjonijiet taħt il-kontroll tal-istess kumpanija f'konformità mal-paragrafu 1 fi żmien 4 snin minn permess ġdid jew mill-aġġornament ta' permess. Mhijiex prerekwiżit għal permess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid ikun assolutament ċar ukoll li EMS mhijiex prerekwiżit għal permess per se (la għal wieħed ġdid u lanqas għal wieħed aġġornat), iżda li l-operatur għandu jipprovdiha lill-awtoritajiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Emenda 251
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sal-1 ta' Lulju 2028, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida dwar liema informazzjoni l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bħala rilevanti għall-pubblikazzjoni.

Or. en

Emenda 252
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tkun taffettwa b'mod avvers kwalunkwe wieħed mill-interessi elenkati fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (h), tad-Direttiva 2003/4/KE**, l-informazzjoni tista' tiġi redatta jew, jekk dan ma jkunx possibbli, eskluża meta ssir disponibbli fuq l-internet.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu relatat mas-sistemi ta' ġestjoni ambjentali għandu jiġi ssimplifikat permezz tat-tneħħija tar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni li mhumiex strettament meħtieġa. Il-pubblikazzjoni obbligatorja timponi kompiti amministrattivi rikorrenti fuq l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-valutazzjoni u r-redazzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, mingħajr ma tagħti benefiċċju ambjentali proporzjonat. L-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali diġà huwa garantit taħt l-oqfsa legali eżistenti tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

Emenda 253
Michal Wiezik, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tkun taffettwa b'mod avvers kwalunkwe wieħed mill-interessi elenkati fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (h), tad-Direttiva 2003/4/KE**, l-informazzjoni tista' tiġi redatta jew, jekk dan ma jkunx possibbli, eskluża meta ssir disponibbli fuq l-internet.	Jekk id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tkun taffettwa b'mod avvers kwalunkwe wieħed mill-interessi elenkati fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (h), tad-Direttiva 2003/4/KE**, l-informazzjoni tista' tiġi redatta jew, jekk dan ma jkunx possibbli, eskluża meta ssir disponibbli fuq l-internet. ***Dan is-subparagrafu għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv, u għandu japplika b'mod partikolari meta d-divulgazzjoni tal-informazzjoni taffettwa b'mod negattiv id-difiża nazzjonali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tagħti dettalji biss dwar id-dispożizzjoni eżistenti li l-informazzjoni tista' tiġi miċħuda (u ma tiġix ippubblikata), inkluża informazzjoni dwar l-emissjonijiet fl-ambjent (eż. b'rabta mad-dispożizzjoni dwar l-inventarju tas-sustanzi kimiċi), fejn tista' taffettwa d-difiża nazzjonali.

Emenda 254
Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur għandu jħejji u jimplimenta l-EMS f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu sal-1 ta' Lulju ***2030*** ħlief għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 82.	L-operatur għandu jħejji u jimplimenta l-EMS f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu sal-1 ta' Lulju ***2032*** ħlief għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 82.

Or. en

Emenda 255
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-EMS implimentata mill-operatur ma tkunx diġà tinkludi dispożizzjonijiet għal awditjar intern u estern regolari li jipprovdu livell ekwivalenti ta' assigurazzjoni, l-EMS għandha tiġi awditjata għall-ewwel darba fi żmien 18-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, ħlief għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2024/1785. L-EMS għandha tiġi awditjata mill-inqas kull tliet snin, minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew verifikatur ambjentali akkreditat jew liċenzjat, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 20, tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009.

Or. en

Emenda 256
Jutta Paulus

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 4 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-EMS għandha tinkludi proċeduri għall-awditjar perjodiku u għandha tkun soġġetta għal verifika perjodika minn korp indipendenti jew awtorità kompetenti, imwettqa b'mod proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju, filwaqt li jitqiesu d-

daqs, in-natura u l-impatt ambjentali tal-installazzjoni.

Or. en

Emenda 257
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Krzysztof Hetman

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 14b
	***Ma għandu jiġi introdott l-ebda obbligu ġdid, addizzjonali u awtonomu tal-inventarju tas-sustanzi kimiċi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali li, fil-prattika, jobbliga lill-operaturi jħejju, jimplimentaw, jaġġornaw regolarment u jżommu dokumentazzjoni dwar sustanzi perikoluż għall-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva. Dan jidduplika l-obbligi eżistenti applikabbli għall-kumpaniji tal-enerġija, inklużi l-operaturi ta' impjanti kbar tal-kombustjoni. L-inventarji jew ir-reġistri tas-sustanzi kimiċi perikoluż għandhom jinżammu taħt oqfsa legali applikabbli oħra, b'mod partikolari r-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-aġenti kimiċi fl-ambjent tax-xogħol, u l-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH). Il-ħtieġa ta' valutazzjoni tar-riskju tal-impatt tas-sustanzi kkonċernati fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, kif ukoll analiżi tal-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri jew għat-tnaqqis tal-użu tagħhom għandha tinżamm taħt regolamentazzjoni rilevanti oħra.";**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' inventarju addizzjonali tas-sustanzi kimiċi speċifiku għall-IED toħloq duplikazzjoni fir-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni, għall-kuntrarju tal-objettiv ta' simplifikazzjoni tal-pakkett Omnibus. Dawn l-obbligi ta' valutazzjoni addizzjonali joħolqu aktar piż amministrattiv u organizzattiv għall-operaturi ta' impjanti kbar tal-kombustjoni, mingħajr valur miżjud ċar meta mqabbla mal-obbligi eżistenti tas-sikurezza kimika, tas-saħħa okkupazzjonali u tal-konformità ambjentali. Għalhekk, il-piż amministrattiv jibqa', anke jekk l-obbligu formalment jitmexxa barra mill-EMS.

Emenda 258
Thomas Bajada, Annalisa Corrado

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 14b
	Inventarju tas-sustanzi kimiċi tas-sustanzi perikoluż
	L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur iħejji, jimplimenta u jaġġorna regolarment, għal kull installazzjoni, inventarju tas-sustanzi kimiċi tas-sustanzi perikoluż preżenti fl-installazzjoni jew emessi minnha bħala tali, bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra jew bħala parti minn taħlitiet, filwaqt li jikkunsidra b'mod speċjali s-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. L-operatur għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-impatt ta' tali sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem, meta dan ma jkunx diġà previst fil-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, u fuq l-ambjent, inkluż fuq l-arja, l-ilma u l-ħamrija, filwaqt li jqis in-natura, il-proprjetajiet perikoluż u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis bejn

dawk il-mezzi. L-operatur għandu janalizza wkoll il-possibbiltajiet li jissostitwixxi dawk is-sustanzi b'alternattivi aktar sikuri, u li jnaqqas l-użu jew l-emissjonijiet tagħhom.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Inventarju tas-sustanzi kimiċi huwa meħtieġ biex jappoġġja valutazzjoni tar-riskju, sostituzzjoni u tnaqqis kif xieraq tas-sustanzi perikoluż, għall-ħruġ tal-permessi u l-infurzar effettivi, u għall-bidla lejn ekonomija aktar sikura u aktar ċirkolari. L-obbligi eżistenti skont ir-REACH, is-CLP u l-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza okkupazzjonali jikkoinċidu biss parzjalment u ma jipprovdux informazzjoni ekwivalenti speċifika għall-installazzjoni dwar sustanzi perikoluż preżenti f'installazzjonijiet industrijali jew emessi minnhom.

Emenda 259
Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Antonín Staněk, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) l-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 15	"Artikolu 15
Valuri limitu tal-emissjonijiet, valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali, parametri ekwivalenti u miżuri tekniċi	Valuri limitu tal-emissjonijiet, valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali, parametri ekwivalenti u miżuri tekniċi
1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandhom japplikaw fil-punt fejn l-emissjonijiet iħallu l-installazzjoni u, kwalunkwe dilwizzjoni qabel dak il-punt għandha tkun injorata meta dawk il-valuri jkunu qed jiġu stabbiliti.	1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandhom japplikaw fil-punt fejn l-emissjonijiet iħallu l-installazzjoni u, kwalunkwe dilwizzjoni qabel dak il-punt għandha tkun injorata meta dawk il-valuri jkunu qed jiġu stabbiliti.
Fir-rigward tar-rilaxxi indiretti ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, l-effett ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi barra mill-installazzjoni jista' jitqies meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-	Fir-rigward tar-rilaxxi indiretti ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, l-effett ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi barra mill-installazzjoni jista' jitqies meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-

emissjonijiet tal-installazzjoni kkonċernata, dment li dan ma jwassalx għal livelli ogħla ta' tniġġis fl-ambjent, ikun garantit livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu, u l-operatur jiżgura, f'konsultazzjoni mal-operatur tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi, li r-rilaxxi indiretti ma jipperikolawx il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-permess tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi skont din id-Direttiva jew l-awtorizzazzjoni speċifika skont id-Direttiva 91/271/KEE u li r-rekwiżiti kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

